# KAPITOLU 370

## ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT

*Biex jirregola t-tmexxija tal-kummerċ ta' investiment u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma anċillari għalih jew li għandhom x'jaqsmu miegħu.*

19 ta' Settembru, 1994;
23 ta' Settembru, 1994;
30 ta' Diċembru, 1994;
8 ta' Lulju, 1995

*L-ATT XIV tal-1994, kif emendat bl-Atti XXIV u XXV tal-1995; bl-Avviżi Legali 191 tal-1998 u 46 tal-1999; bl-Atti XVII tal-2002, IV tal-2003, XIII tal-2004 u XII tal-2006; bl-Avviż Legali 318 tal-2006; bl-Att XX tal-2007; bl-Avviż Legali 425 tal-2007; u bl-Att XVII tal-2009.*

PRELIMINARI

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar Servizzi ta' Investiment. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tinħtiġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XVII. 2002.136; X. 2007.61; XVII. 2009.3.*

"awtorità kompetenti" tfisser il-korp imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 2A, liema korp għandu wkoll iwettaq id-dmirijiet ta' awtorità kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva;

"awtorità regolatorja estera" tfisser awtorità f'pajjiż jew territorju barra minn Malta li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE li teżerita funzjoni regolatorja jew ta' sorveljanza għar-rigward ta' servizzi finanzjarji li jikkorrispondu għal funzjoni ta' l-awtorità kompetenti kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"awtorità regolatorja Ewropea" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE skond l-Artikolu 48 tad-Direttiva biex iwettaq kull wieħed mid-dmirijiet li hemm provdut dwarhom taħt id-disposizzjonijiet differenti tad-Direttiva;

"detentur ta' liċenza" tfisser persuna li jkollha liċenza;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq ta' strumenti finanzjarji li jemendaw id-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;

"dokument" jew "dokumentazzjoni" tinkludi informazzjoni reġistrata f'kull sura u, relattivament għal informazzjoni reġistrata f'xi sura li ma tkunx tinqara, riferenzi għall-produzzjoni tagħha jinkludu riferenzi għall-produzzjoni ta' kopja ta' l-informazzjoni f'sura li tinqara;

"ftehim ta' investiment" tfisser kull ftehim li l-egħmil jew it-twettiq tiegħu minn xi waħda mill-partijiet jikkostitwixxi servizz

ta' investiment;

"jiem tax-xogħol" u "jum tax-xogħol" ma jinkludux is-Sibtijiet u l-ġranet msemmija fl-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

Kap. 252.

"kapital azzjonarju kwalifikanti" tfisser il-kontroll dirett jew indirett f'kumpannija li tirrappreżenta għaxra fil-mija jew iżjed tal-kapital azzjonarju jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni msemmija fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru, 2004 dwar l-armonizzazzjoni ta' ħtiġiet ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li jkollhom it-titoli tagħhom ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE meta jiġu kkunsidrati l-kondizzjonijiet dwar l-aggregazzjoni tagħhom kif stipulata fl-artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva, jew li jirrendi possibbli t-twettiq ta' influwenza sinifikattiva fuq it-tmexxija tal-kumpannija fejn ikun jeżisti dak il-kontroll, u "azzjonist kwalifikanti" għandha tiftiehem skond hekk:

Iżda sabiex jiġi stabbilit jekk il-kriterji għal kapital azzjonarju kwalifikanti jkunux ġew imwettqa, l-awtorità kompetenti m'għandhiex tqis jeddijiet ta' votazzjoni jew azzjonijiet li detenturi ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment, Kumpanniji ta' Investiment Ewropej jew istituzzjonijiet ta' kreditu jista' jkollhom bħala riżultat talli jkunu qegħdin jipprovdu servizz ta' *underwriting* jew ta' tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod skont m'hemm fil-punt 6 tat-Taqsima A mal-Anness 1 mad-Direttiva, sakemm dawk id-drittijiet m'humiex, min-naħa waħda eżerċitati jew xort'oħra użati biex jintervjenu fil-maniġġ tal-emittent u, mill-oħra, li jsir minnhom fi żmien sena mill-akkwist tagħhom;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea mwaqqfa bit-Trattat ta' Ruma fl-1957 u emendat istituzzjonalment u xort'oħra fl-1986 bl-Att Uniku Ewropew, fl-1993 bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fl-1997 bit-Trattat ta' Amsterdam u fl-2001 bit-Trattat ta' Nizza, u kif emendat b'kull ftehim ta' adeżjoni u skond ma jista' jiġi aktar emendat minn żmien għal żmien;

"Kumpannija ta' Investiment Ewropew" tfisser kumpannija ta' investiment kif imfissra fl-artikolu 4(1) tad-Direttiva u skond m'hi awtorizzata mill-awtorità regolatorja Ewropea tagħha fil-kuntest tat-tifsira tal-artikolu 5 tad-Direttiva jew awtorizzata minn awtorità regolatorja Ewropea fi Stat ŻEE;

"liċenza" tinkludi liċenza għal skema ta' investiment kollettiv u liċenza għal servizzi ta' investiment;

"liċenza għal servizzi ta' investiment" tfisser liċenza biex ikun provdut servizz ta' investiment maħruġa taħt l-artikolu 6;

"liċenza għal skema ta' investiment kollettiv" tfisser liċenza għall-ħruġ jew għall-ħolqien ta' unitajiet jew għat-tmexxija ta' attività minn skema ta' investiment kollettiv maħruġa taħt l-artikolu 6;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"obbligi internazzjonali ta' Malta" tfisser ir-rabtiet, ir-

responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn sħubija, affiljazzjoni jew relazzjoni ma' organizzjonijiet internazzjonali, globali jew reġjonali jew gruppi ta' pajjiżi jew minn xi trattat, konvenzjoni jew ftehim ieħor internazzjonali, jissejjaħ kif jissejjaħ, sew bilaterali jew multilaterali li fih Malta tkun parti;

"parteċipanti" tfisser il-persuni li jipparteċipaw fi jew jirċievu, jew li jkunu se jipparteċipaw fi jew ikunu se jirċievu, profitti jew dħul li jinqalgħu mill-akkwist, żamma, tmexxija jew disponiment tal-proprjetà inkluża fi skema ta' investiment kollettiv jew ammonti mħallsa minn dawk il-profitti jew minn dak id-dħul;

"persuna eżentata" tfisser persuna, li għal kull raġuni li tkun, tiġi eżentata minn xi disposizzjoni jew mid-disposizzjonijiet kollha ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

"prospett" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u l-kelma "azzjonijiet" li hemm fiha għandha tiftiehem li tinkludi riferenza għall-kelma "unità;"; Kap. 386.

"reklam ta' investiment" tfisser kull forma jew medja ta' reklamar jew attività promozzjonali, barra minn prospett, li l-kontenut tiegħu jew jistieden persuni, jew ikun fih materjal li jħajjar persuni:

(i) biex isiru jew biex joffru li jsiru parteċipanti fi skema ta' investiment kollettiv; jew

(ii) biex jisssottoskrivu għal jew xort'oħra jakkwistaw jew jagħmlu *underwriting* ta' strument; jew

(iii) biex jixtru jew xort'oħra jakkwistaw servizz ta' investiment;

"Regoli ta' Servizzi ta' Investiment" tirreferi għar-Regoli maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt diversi artikoli ta' dan l-Att;

"servizz ta' investiment" tfisser kull servizz li jaqa' taħt l-Ewwel Skeda meta jkun provdut in relazzjoni għal strument;

"skema ta' investiment kollettiv" tfisser kull skema jew arranġament li jkollu bħala l-għan tiegħu jew bħala wieħed mill-għanijiet tiegħu l-investiment kollettiv ta' kapital akkwistat bil-mezz ta' offerta ta' unitajiet biex ikunu sottoskritti, mibjugħa jew mibdula u li jkollu il-karatteristiċi li ġejjin:

(*a*) l-iskema jew l-arranġament jaħdem fuq prinċipju ta' riskju mifrux; u jew

(*b*) il-kontribuzzjonijiet tal-parteċipanti u l-profitti jew id-dħul li minnhom ikunu se jsiru l-ħlasijiet lilhom ikunu tqegħdu f'*pool*; jew

(*ċ*) fuq it-talba tad-detenturi, l-unitajiet ikunu jew ikunu jistgħu jinxtraw lura jew ikunu mifdija mill-attiv ta' l-iskema jew ta' l-arranġament, b'mod kontinwu jew fi blokki f'intervalli qosra; jew

(*d*) l-unitajiet huma maħruġa, jew ikunu nħarġu, jew ikunu

se jinħarġu kontinwament jew fi blokki f'intervalli qosra:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' toħroġ liċenza dwar skema jew arranġament li l-unitajiet tagħhom se jkunu jiġu offerti għal sottoskrizzjoni, bejgħ jew bdil lil:

(i) detenturi ta' liċenza; jew

(ii) persuni li n-negozju ordinarju tagħhom jinvolvi l-akkwist jew id-disponiment ta' strumenti ta' l-istess xorta bħall-istrument jew l-istrumenti li fiha tinvesti l-iskema jew l-arranġament; jew

(iii) persuni li n-negozju ordinarju tagħhom jinvolvi l-akkwist u d-disponiment ta' proprjetà ta' l-istess xorta bħall-proprjetà, jew parti sostanzjali tal-proprjetà, li fiha tinvesti l-iskema jew l-arranġament; jew

(iv) persuni li b'regolamenti taħt dan l-Att ikunu eżentati mill-ħtieġa ta' liċenza għal servizzi ta' investiment kemm-il darba l-iskema jew l-arranġament jinvesti fi strument jew proprjetà li dwarhom dawk il-persuni jkunu eżentati;

Minkejja li dik l-iskema jew arranġament ma jkollhomx il-karatteristiċi mniżżla fil-paragrafu (*a*), u f'kull każ bħal dak, dik l-iskema jew arranġament għandhom jitqiesu li huma skema ta' investiment kollettiv;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;

"strument" tfisser kull strument, kuntratt jew jedd li jinsab fit-Tieni Skeda u sew jekk maħruġ jew le f'Malta;

Kap. 345.

"suq regolat" għandha l-istess tifsir mogħti lilha taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji";

Kap. 386.

"sussidjarja" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kelma bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji;

"unità " tfisser kull ħaġa li tirrappreżenta l-jeddijiet u l-interessi tal-parteċipanti fi skema ta' investiment kollettiv.

(2) F'dan l-Att u fir-regolamenti kollha magħmulin bis-saħħa tiegħu, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn it-test Ingliż u t-test Malti, jipprevali t-test Ingliż.

(3) L-għan ta' dan l-Att hu, f'parti minnu, sabiex jittrasponi u jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva, u konsegwentement dan l-Att u r-regolamenti adottati taħtu għandhom jiġu interpretati u applikati skond hekk.

Awtorità kompetenti. *Miżjud: XVII. 2002.137.*

**2A.** Il-Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jaħtar korp biex ikun l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att biex teżerċita l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u li twettaq

dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' jidhirlu xieraq relattivament għall-operat ta' dan l-Att.

HTIĠIET GĦALL-ĦRUĠ TA' LIĊENZI

Htieġa ta' licenza għal servizzi ta' investiment. *Emendat: XVII. 2002.138.*

**3.** (1) Ebda persuna m'għandha tipprovdi, jew turi lilha nnifisha li tipprovdi servizz ta' investiment f'Malta jew minn Malta kemm-il darba ma jkollhix liċenza valida għal servizzi ta' investiment.

(2) Ebda korp morali, korp mhux morali jew assoċjazzjoni iffurmati skond jew li jkunu jeżistu taħt il-liġijiet ta' Malta, ma jistgħu jipprovdu, jew juru lilhom infushom li jipprovdu, servizz ta' investiment fi jew minn pajjiż, territorju jew post ieħor barra minn Malta jekk ma jkollhomx fil-pussess tagħhom liċenza valida għal servizzi ta' investiment.

(3) L-awtorità kompetenti tista' b'avviż bil-miktub lil xi persuna tiddeċiedi li -

(*a*) servizz jaqa' taħt l-Ewwel Skeda meta jiġi provdut dwar strument; jew

(*b*) strument, kuntratt jew jedd jaqa' taħt it-Tieni Skeda u sew jekk maħruġ f'Malta u sew jekk le;

u bla ħsara għal xi appell magħmul taħt l-artikolu 19 dwar dik il-persuna, id-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti kemm-il darba ma tiġix revokata mit-Tribunal tkun konklużiva għall-finijiet kollha ta' dan l-Att.

Htieġa ta' liċenza għal skemi ta' investiment kollettiv.

**4.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), ebda skema ta' investiment kollettiv m'għandha toħroġ jew toħloq xi unitajiet jew tmexxi xi attività ġewwa Malta jew minn Malta kemm-il darba ma jkunx hemm dwarha liċenza valida għal skema ta' investiment kollettiv.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), ebda skema ta' investiment kollettiv iffurmata skond jew li tkun teżisti bis-saħħa tal-liġijiet ta' Malta m'għandha toħroġ jew toħloq xi unitajiet jew tmexxi xi attività ġewwa pajjiż jew minn pajjiż, territorju jew post ieħor barra minn Malta, kemm-il darba ma jkunx hemm dwar dik l-iskema liċenza valida għal skema ta' investiment kollettiv.

(3) Ebda skema għal investiment kollettiv ma tkun prekluża bid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) milli toħroġ jew toħloq dawk l-unitajiet jew milli tieħu dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa għall-inkorporazzjoni jew, skond il-każ, l-istabbiliment ta' l-iskema jew milli tieħu dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tkun żgurata l-awtorizzazzjoni ta' l-iskema mill-awtorità kompetenti.

APPLIKAZZJONI, GĦOTI U TĦASSIR TA' LIĊENZI

Applikazzjonijiet għal liċenza.

**5.** Applikazzjoni għal liċenza għandha ssir f'dik il-forma u b'dak il-mod meħtieġ mill-awtorità kompetenti u għandha wkoll -

(*a*) ikun fiha jew ikollha magħha dak it-tagħrif u dawk il-partikolaritajiet, b'żieda ma' dawk meħtieġa b'dan l-artikolu, li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ, jew kif jista' jkun preskritt;

(*b*) tkun verifikata b'dak il-mod u sa dak il-limitu meħtieġ mill-awtorità kompetenti, jew kif jista' jkun preskritt;

(*ċ*) ikollha l-indirizz f'Malta għan-notifika lill-applikant ta' kull avviż jew dokument ieħor meħtieġ jew li hu awtorizzat li jkun notifikat lilu b'dan l-Att jew taħtu;

(*d*) fil-każ ta' liċenza għal servizzi ta' investiment, ikollha magħha programm ta' attivitajiet li juri dawk il-ħwejjeġ li jkunu meħtieġa mill-awtorità kompetenti li jintwerew minn żmien għal żmien;

(*e*) fil-każ ta' liċenza għal skema ta' investiment kollettiv, tispeċifika x-xorta ta' l-iskema ta' l-investiment kollettiv li jkun; u

(*f*) ikollha magħha dak id-dritt li jista' jkun preskritt għal liċenza li dwarha tkun saret applikazzjoni.

Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li tiċħad jew tagħti liċenzi.
*Emendat: XVII. 2002.139; IV. 2003.174; XX. 2007.62.*

**6.** (1) L-awtorità kompetenti tista' tagħti jew tiċħad li tagħti liċenza li dwarha tkun saret applikazzjoni skond dan l-Att:

Iżda l-awtorità kompetenti m'għandhiex -

(*a*) (i) tagħti liċenza għal servizzi ta' investiment kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li l-applikant ikun persuna addattata u xierqa biex tipprovdi s-servizzi ta' investiment konċernati u li l-applikant ikun se jħares u josserva kull Regola ta' Servizzi ta' Investiment u regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u applikabbli għalih;

(ii) tagħti liċenza ta' servizzi ta' investiment:

(*a*) meta l-applikant ikun korp magħqud, kemm-il darba dan ma jkollux l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju reġistrat tiegħu f'Malta;

(*b*) meta l-applikant ikun korp magħqud li ma jkollu ebda uffiċċju reġistrat taħt il-liġi nazzjonali tiegħu, kemm-il darba dan ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta; jew

(*ċ*) meta l-applikant ma jkunx korp magħqud kemm-il darba l-uffiċċju prinċipali ta' l-applikant ma jkunx f'Malta;

(*b*) tagħti liċenza għal skema ta' investiment kollettiv kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li l-iskema ser tkun taqbel f'kull dettal ma' kull Regoli ta' Servizzi ta' Investiment u regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u applikabbli għaliha u li d-diretturi, u l-uffiċjali tagħha, jew fil-każ ta' *trust*, it-*trustees* tagħha, ikunu persuni addattati u xierqa biex iwettqu l-funzjonijiet meħtieġa minnhom dwar l-iskema;

(*ċ*) tagħti liċenza lill-applikant kemm-il darba ma jkunux ġew konsultati l-awtoritajiet regolatorji Ewropej rilevanti fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 17Ċ.

(2) (*a*) Fl-għoti ta' liċenza l-awtorità kompetenti tista' tagħmel il-liċenza suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa, u meta tkun tat liċenza tista', minn żmien għal żmien, tibdel jew tirrevoka kull kondizzjoni hekk imposta, jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(*b*) Għat-twettiq aħjar tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment li jkunu jorbtu lid-detenturi ta' liċenza u lil oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom. Dawk ir-Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet u kondizzjonijiet addizzjonali dwar l-attivitajiet ta' detenturi ta' liċenza, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-pubbliku u ma' partijiet oħra, ir-responsabbilitajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ħtiġiet dwar rapporti, riżorsi finanzjarji, il-ħtiġiet ta' adegwatezza ta' kapital u ħtiġiet relatati, u kull ħaġa oħra li l-awtorità kompetenti jidhirlha xierqa.

(3) Meta tkun qed tikkunsidra jekk tagħtix jew tiċħadx milli tagħti liċenza l-awtorità kompetenti għandha, b'mod partikolari, tikkunsidra -

(*a*) il-ħarsien ta' investituri u tal-pubbliku in ġenerali;

(*b*) il-ħarsien tar-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(*ċ*) il-promozzjoni ta' kompetizzjoni u għażla; u

(*d*) fil-każ ta' liċenza għal skema ta' investiment kollettiv, ir-riputazzjoni u kemm ikunu xierqa l-applikant u l-partijiet l-oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' l-iskema.

(4) Kull liċenza għandha tispeċifika s-servizz ta' investiment li d-detentur tagħha jkun awtorizzat li jipprovdi jew, skond il-każ, il-klassi ta' l-iskema ta' l-investiment kollettiv li għaliha tirreferi l-liċenza.

(5) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), il-kundizzjonijiet li għalihom liċenza tista' tkun magħmula suġġetta mill-awtorità kompetenti jistgħu jkunu magħmula applikabbli, jew jista' jkun preskritt li jkunu applikabbli, għal -

(*a*) il-liċenzi kollha għal servizzi ta' investiment jew għal liċenzi kollha għal skema ta' investiment kollettiv, skond il-każ;

(*b*) ċerti kategoriji ta' liċenzi;

(*ċ*) il-liċenzi kollha li jkunu mogħtija lil ċerti kategoriji ta' detenturi;

(*d*) il-liċenzi kollha dwar servizzi jew skemi partikolari,

skond il-każ.

(6) Fi żmien sitt xhur mid-data tas-sottomissjoni ta' formula ta' applikazzjoni mimlija kif imiss flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, l-awtorità kompetenti għandha tinforma applikant bid-deċiżjoni tagħha jekk tagħtix liċenza jew le.

(7) Kull ħtieġa f'dan l-Att li persuna għandha tkun waħda addattata u xierqa sabiex twettaq ċerti attivitajiet jew funzjonijiet għandha titfisser bħala ħtieġa mhux biss li dik il-persuna tkun waħda addattata u xierqa sabiex twettaq dawk l-attivitajiet jew funzjonijiet, iżda wkoll li kull azzjonist kwalifikanti jew membri, direttur jew uffiċjal ta' dik il-persuna, jew fil-każ ta' *trust*, kull *trustee* tagħha, ikun persuna addattata u xierqa li twettaq dawk l-attivitajiet jew funzjonijiet.

(8) (*a*) Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn applikant u xi persuna oħra, l-awtorità kompetenti għandha:

(i) tagħti biss liċenza jekk ikun jidhirlha li dawk ir-rabtiet mill-qrib ma jfixkluhix milli teżerċita b'mod effettiv l-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha; u

(ii) tirrifjuta li tagħti dik il-liċenza jekk tikkunsidra li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' xi pajjiż barra minn Malta li jiggvernaw persuna waħda jew iżjed li miegħu l-applikant ikollu rabtiet mill-qrib, jew l-infurzar tagħhom, ifixklu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha.

(*b*) L-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien, bil-mezz ta' Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment taħt dan l-Att tiddefenixxi ċ-ċirkostanzi fejn rabtiet mill-qrib għandhom jitqiesu li jeżistu bejn żewġ persuni jew iktar.

(9) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi reġistru tad-detenturi kollha ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment. Dan ir-reġistru, li għandu jkun pubblikament disponibbli, għandu wkoll jindika s-servizzi li għar-rigward tagħhom tkun inħarġet kull liċenza ta' servizzi ta' investiment u għandu jiġi aġġornat regolarment.

Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li tħassar jew tissospendi liċenzi.
*Emendat: XVII. 2002.140; XX. 207.63.*

**7.** (1) L-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien tħassar jew tissospendi liċenza skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Fil-każ ta' liċenza għal servizzi ta' investiment, l-awtorità kompetenti tista' tħassar jew tissospendi liċenza -

(*a*) jekk tikkunsidra li d-detentur tagħha ma jkunx persuna addattata u xierqa biex tipprovdi s-servizz ta' investiment li tkun awtorizzata tipprovdi; jew

(*b*) jekk tikkunsidra li d-detentur tagħha ma jkunx jissodisfa l-ħtiġiet ta', jew ikun kiser, xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ikun naqas li jissodisfa jew li

jħares xi obbligu jew kundizzjoni li hu jew il-liċenza jkunu suġġetti għalihom bis-saħħa ta' dan l-Att jew taħtu; jew

(*ċ*) jekk l-awtorità kompetenti tkun ingħatat mid-detentur tal-liċenza jew f'ismu tagħrif li jkun falz, mhux preċiż jew qarrieqi; jew

(*d*) jekk id-detentur tal-liċenza ma jkunx beda jipprovdi s-servizz li jkun awtorizzat jipprovdi fi żmien provdut fil-liċenza jew ikun waqaf milli jipprovdi dak is-servizz; jew

(*e*) jekk tikkunsidra meħtieġ li l-liċenza tkun imħassra jew sospiża sabiex jitħarsu l-investituri u l-pubbliku in ġenerali, u r-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta; jew

(*f*) fuq it-talba tad-detentur tal-liċenza; jew

(*g*) f'xi ċirkostanzi li taħthom l-awtorità kompetenti kienet tkun prekluża milli toħroġ il-liċenza taħt dan l-Att jew meta taħt dan l-Att kien ikollha l-jedd tirrofta l-għoti ta' dik il-liċenza; u

(*h*) jekk id-detentur ta' liċenza jkun kiseb il-liċenza billi jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz b'xi mod jew ieħor irregolari.

(3) Fil-każ ta' liċenza għal skema ta' investiment kollettiv, l-awtorità kompetenti tista' tħassar jew tissospendi liċenza -

(*a*) jekk tikkunsidra li d-diretturi, uffiċjali jew *trustees* ta' l-iskema m'humiex addattata u xierqa biex iwettqu l-funzjonijiet meħtieġa minnhom għar-rigward ta' l-iskema; jew

(*b*) jekk tikkunsidra li l-iskema li għaliha tirreferi l-liċenza ma tkunx tissodisfa l-ħtiġiet ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ikun hemm ksur ta' xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet, jew xi obbligu jew kundizzjoni li għalihom l-iskema jew il-liċenza ikunu suġġetti bis-saħħa ta' dan l-Att jew taħtu ma jkunux ġew sodisfatti jew imħarsa; jew

(*ċ*) jekk ikun ingħata tagħrif lill-awtorità kompetenti mill-iskema jew f'isimha jew dwarha li jkun falz, mhux preċiż jew qarrieqi; jew

(*d*) jekk l-iskema ma tkunx bdiet l-attivitajiet li tkun awtorizzata tmexxi fi żmien provdut fil-liċenza jew tkun waqfet milli tmexxi dawk l-attivitajiet; jew

(*e*) jekk tikkunsidra meħtieġ li tħassar jew tissospendi l-liċenza sabiex jitħarsu l-investituri u l-pubbliku in ġenerali, u r-reputazzjoni ta' Malta meta jkunu kunsidrati l-obbligi internazzjonali ta' Malta; jew

(*f*) fuq it-talba tal-*manager* jew tat-*trustee* jew tal-kustodju ta' l-iskema, jew ta' l-ekwivalenti tagħhom.

Avviż ta' proposta ta' ċaħda, tibdil, tħassir jew sospensjoni ta' liċenza.
*Emendat: XVII. 2002.141.*

**8.** (1) Meta l-awtorità kompetenti jkollha l-ħsieb -

(*a*) li tibdel xi kundizzjoni li għaliha tkun suġġetta liċenza jew li timponi kundizzjoni magħha; jew

(*b*) li tiċħad applikazzjoni għal liċenza jew li tħassar jew tissospendi liċenza,

għandha tagħti lill-applikant jew, skond il-każ, lid-detentur tal-liċenza jew lil *manager* u t-*trustee* jew il-kustodju ta' skema ta' investiment kollettiv, jew lill-ekwivalenti tagħhom bil-miktub tal-ħsieb tagħha li tagħmel hekk fejn tagħti r-raġunijiet għad-deċizjoni li tkun bi ħsiebha tieħu.

(2) Kull avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) għandu jgħid li min jirċievi l-avviż jista', f'dak iż-żmien xieraq wara li jirċievi n-notifika kif jingħad fl-avviż (li jkun żmien ta' mhux inqas minn tmienja u erbgħin siegħa u mhux iżjed minn tletin jum), jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-awtorità kompetenti fejn jgħid għaliex m'għandhiex tittieħed id-deċiżjoni proposta u l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra kull rappreżentazzjoni hekk magħmula qabel ma tasal għal deċiżjoni finali.

(3) L-awtorità kompetenti għandha kemm jista' jkun malajr tinnotifika d-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lil kull waħda mill-persuni li lilhom għandu jingħata avviż taħt is-subartikolu (1).

OBBLIGI TA' DETENTURI TA' LIĊENZA U TA' OĦRAJN

Tibdil fit-tagħrif; ħlas ta' drittijiet.
*Emendat: XVII. 2002.142.*

**9.** (1) Id-detentur ta' liċenza għal servizzi ta' investiment u l-*manager* ta' skema ta' investiment kollettiv li tkun ingħatat liċenza taħt dan l-Att, jew kull persuna oħra li jkollha r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni jew tmexxija ta' kuljum ta' skema bħal dik, għandhom jagħtu lill-awtorità kompetenti l-partikolaritajiet dwar kull tibdil fit-tagħrif mogħti taħt dan l-Att malli dak id-detentur, *manager* jew persuna isiru jafu b'dawk it-tibdiliet u għandhom javżaw lill-awtorità kompetenti, fuq bażi kontinwa, bit-tibdiliet jew ċirkostanzi li jitgħu joħolqu rabtiet mill-qrib skond kif imfisser fl-artikolu 6.

(2) Kull detentur ta' liċenza għandu jħallas lill-awtorità kompetenti dak id-dritt kull tant żmien, u f'dak iż-żmien, li jista' minn żmien għal żmien ikun preskritt.

Persuni li jipprovdu servizzi amministrattivi.
*Miżjud: XVII. 2002.143. Emendat: XX. 2007.62; XVII. 2009.4.*

**9A.** (1) Kull persuna li f'Malta jew minn Malta tipprovdi, lil detenturi ta' liċenza f'Malta, jew lil persuni u skemi awtorizzati ekwivalenti barra minn Malta, servizzi amministrattivi li minnhom infushom ma jikkostitwux attività li teħtieġ liċenza taħt dan l-Att, ikunu meħtieġa li japplikaw għal rikonoxximent mill-awtorità kompetenti taħt dan l-artikolu, u ebda persuna ma għandha tipprovdi dawk is-servizzi kemm-il darba ma tkunx hekk rikonoxxuta.

(2) L-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien, toħroġ Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment li jistabbilixxu l-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rikonoxximent, li jipprovdu dwar ir-rifjut ta' rikonoxximent u dwar it-tibdil, tħassir u sorveljanza ta' rikonoxximent u b'mod ġenerali tirregola il-provediment ta' dawk

is-servizzi amministrattivi. Dawk ir-Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment jistgħu b'mod partikolari jipprovdu għal kull ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) jistabbilixxu liema attivitajiet jikkostitwixxu servizzi amministrattivi għall-finijiet ta' dan l-artikolu;

(ii) il-forma u l-kontenut ta' l-applikazzjonijiet lill-awtorità kompetenti għal rikonoxximent;

(iii) id-drittijiet għal applikazzjoni, annwali u oħrajn li jitħallsu dwar rikonoxximent;

(iv) l-obbligu li jiġu provduti dokumentazzjoni u informazzjoni oħra lill-awtorità kompetenti;

(v) il-miżuri li bihom l-awtorità kompetenti tkun tista' tiżgura tħaris minn amministraturi rikonoxxuti, ta' l-Att u tar-Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment maħruġa taħtu;

(vi) l-arranġamenti għal bdil ta' informazzjoni ma' korpi regolatorji oħra sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

(vii) jipprovdu għar-rikonoxximent reċiproku ta' persuni rikonoxxuti bħala li huma xierqa biex jipprovdu dawk is-servizzi barra minn Malta;

(viii) li jiġu imposti pieni amministrattivi sa l-ogħla ammont ta' ħamsa u erbgin elf euro (€45,000) euro jew għal sanzjonijiet amministrattivi oħra fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew tar-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment li jkunu japplikaw jew ta' xi kondizzjoni marbutin ma' ċertifikat ta' rikonoxximent, meta jkun hemm;

(ix) b'mod ġenerali għal kull ħaġa li hi anċillari jew konnessa ma' dawn ta' hawn fuq.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tirrifjuta, tibdel, tħassar jew tissospendi rikonoxximent maħruġ skond m'hemm f'dan l-artikolu jew timponi piena amministrattiva skond m'hemm fir-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment li japplikaw, jista' jsir appell quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19(3) għandhom ikunu japplikaw għal dak l-appell.

Parteċipazzjoni f'detenturi ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment.
*Emendat: XVII. 2002.144.*
*Sostitwit: XVII. 2009.5.*

**10.** (1) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, kull min jaġixxi bi ftehim (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-Att bħala l-"akkwirent propost") u li jkun ħa deċiżjoni jew li -

(*a*) jakkwista, direttament jew indirettament, kapital azzjonarju kwalifikanti f'detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment;

(*b*) iżid, direttament jew indirettament, kapital azzjonarju eżistenti li ma jkunx kapital azzjonarju kwalifikanti hekk li jikkaġuna li jsir kapital azzjonarju kwalifikanti f'detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment; jew

(*ċ*) iżid aktar, direttament jew indirettament, dak il-kapital azzjonarju kwalifikanti f'detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment li bħala riżultat relattiv il-proporzjon tal-jeddijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital miżmum ikun jilħaq jew jeċċedi għoxrin fil-mija, tletin fil-mija jew ħamsin fil-mija jew sabiex id-detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment isir sussidjarju tiegħu,

(hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-Att bħala l-"akkwist propost"), għandu javża lill-awtorità kompetenti bil-miktub b'kull deċiżjoni bħal dik, fejn jindika kemm se jkun il-kapital azzjonarju maħsub u jipprovdi kull informazzjoni rilevanti hekk kif u bil-mod li l-awtorità kompetenti tista' tkun teħtieġ skont ir-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, inkluża l-forma li biha għandha ssir notifika bħal dik u l-kriterji adottati mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi stabbilit jekk dik il-persuna tkunx persuna xierqa u idonea.

(2) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, kull min ikun ħa deċiżjoni jew li -

(*a*) jiddisponi, direttament jew indirettament, minn kapital azzjonarju kwalifikanti f'detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment;

(*b*) inaqqas, direttament jew indirettament, il-kapital azzjonarju kwalifikanti hekk li jikkaġunah li jtemm milli jibqa' kapital azzjonarju kwalifikanti; jew

(*ċ*) inaqqas, direttament jew indirettament, kapital azzjonarju kwalifikanti sabiex il-proporzjon tal-jeddijiet ta' votazzjoni jew tal-kapital miżmum jinżel għal taħt għoxrin fil-mija, tletin fil-mija jew ħamsin fil-mija jew biex hekk id-detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment itemm milli jibqa' sussidjarju tagħha,

għandu javża lill-awtorità kompetenti bil-miktub b'kull deċiżjoni bħal dik fejn jindika kemm se jkun il-kapital azzjonarju maħsub u jipprovdi kull informazzjoni rilevanti hekk kif u bil-mod li l-awtorità kompetenti tista' tkun teħtieġ skont Regoli ta' Servizzi ta' Investiment.

(3) Is-subartikoli (1) u (2) għandhom ikunu japplikaw irrispettivament minn jekk xi azzjonijiet rilevanti ikunux jew le azzjonijiet elenkati f'xi suq regolat fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji jew f'suq ekwivalenti li ma jkunx jinsab fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE.

Kap. 345.

(4) Detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment ikollu d-dmir jinnotifika lill-awtorità kompetenti minnufih malli jsir jaf li xi persuna tkun ħadet xi azzjoni stipulata fis-subartikolu (1) jew (2).

(5) Meta xi persuna jew xi detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jieħu jew jiddeċiedi li jieħu xi azzjoni stipulata fis-subartikolu (1) jew (2) mingħajr ma javża lill-awtorità kompetenti jew jikseb l-approvazzjoni tagħha skont l-artikolu 10A, allura, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li tista' tiġi imposta taħt

dan l-Att, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tagħmel ordni:

(*a*) li jżomm lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment milli jieħu jew ikompli għaddej b'dak il-pass;

(*b*) li jiddikjara dak il-pass null u bla ebda effett;

(*ċ*) li jkun jeħtieġ lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jieħu dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi ristawrata l-pożizzjoni li kienet teżisti minnufih qabel ma jkun ittieħed dak il-pass;

(*d*) li jżomm lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment milli jeżerċita xi drittijiet li pass bħal dak kien jagħtihom, li kieku kien wieħed leġittimu, inkluż id-dritt li jirċievi xi ħlas jew li jeżerċita xi jeddijiet ta' votazzjoni marbutin ma' l-azzjonijiet akkwistati;

(*e*) li jżomm lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment milli jieħu xi pass bħal dak jew xi pass ieħor fil-kategoriji stipulati fis-subartikoli (1) u (2).

(6) Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, meta l-influwenza eżerċitata minn xi persuna li tkun qegħda takkwista jew tipproponi li takkwista kapital azzjonarju kwalifikanti tkun topera, jew x'aktarx li topera, kontra t-tmexxija tajba u prudenti ta' detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ avviż ta' oġġezzjoni u teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtijin lilha taħt dan l-Att biex itemmu dik is-sitwazzjoni, inkluża s-setgħa li toħroġ Direttivi skont ma tista' tqis li jkunu raġonevoli u adatti fiċ-ċirkostanzi.

(7) Kopja ta' avviż notifikat lill-persuna involuta skont m'hemm fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lill-kumpannija li dawk l-ishma jkunu jappartjenu għaliha.

(8) L-awtorità kompetenti tista', permezz tar-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġin taħt dan l-Att, tindika ċ-ċirkostanzi meta persuni għandhom jitqiesu li "jkunu qegħdin jaġixxu bi ftehim".

Proċedura ta' valutazzjoni.
*Miżjud: XVII. 2009.6.*

**10A.** (1) L-awtorità kompetenti għandha, minnufih u f'kull każ fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tasal in-notifika meħtieġa taħt l-artikolu 10(1), kif ukoll wara l-wasla sussegwenti li tista' ssir tal-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), tagħti riċevuta tagħha bil-miktub lill-akkwirent propost.

(2) L-awtorità kompetenti jkollha massimu ta' sittin jum tax-xogħol mid-data meta tingħata riċevuta bil-miktub dwar il-wasla tan-notifika meħtieġa taħt l-artikolu 10(1) u kull dokument meħtieġ mill-awtorità kompetenti li jiġi anness ma' dik in-notifika (hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "iż-żmien ta' valutazzjoni") sabiex issir valutazzjoni abbażi ta' dik l-informazzjoni skont ma jista' jiġi stabbilit bir-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġa għal dan l-għan.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-akkwirent propost bid-data meta jiskadi ż-żmien ta' valutazzjoni, u dan fil-waqt li tkun qegħda tagħti r-riċevuta.

(4) L-awtorità kompetenti tista', matul iż-żmien ta' valutazzjoni, jekk ikun meħtieġ u mhux iżjed tard mill-ħamsin jum tax-xogħol ta' dak il-perjodu, titlob kull informazzjoni ulterjuri li tinħtieġ sabiex tiġi kompluta l-valutazzjoni. Dik it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika kull informazzjoni addizjonali meħtieġa.

(5) Matul iż-żmien bejn id-data meta ssir talba għal informazzjoni addizzjonali mill-awtorità kompetenti u l-wasla ta' risposta għaliha mill-akkwirent propost, iż-żmien ta' valutazzjoni għandu jitwaqqaf. Iż-żmien ta' waqfien m'għandux ikun ta' iżjed minn għoxrin jum tax-xogħol. Kull talba ulterjuri li ssir mill-awtorità kompetenti sabiex l-informazzjoni tiġi kompluta jew iċċarata ikun fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma jkunx iwassal għal waqfien ta' dak il-perjodu.

(6) L-awtorità kompetenti tista' testendi l-waqfien imsemmi fis-subartikolu (5) sa tletin jum tax-xogħol jekk l-akkwirent propost ikun:

(*a*) jinsab jew regolat f'pajjiżi li ma jkunux Stati Membri jew Stati ŻEE; jew

(*b*) persuna mhux soġġetta għal superviżjoni taħt:

(i) id-Direttiva;

(ii) id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE tal-20 ta' Diċembru, 1985 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw ma' impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS);

(iii) id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju, 1992 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni fuq il-ħajja u li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva fuq l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja);

(iv) id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru, 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(v) id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru, 2005 dwar ir-rijassigurazzjoni li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE; jew

(vi) id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju, 2006 dwar il-bidu u prosegwiment tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (*recast*).

(7) L-awtorità kompetenti għandha, malli titlesta l-valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) u mhux iżjed tard mid-data meta jiskadi ż-żmien ta' valutazzjoni, toħroġ avviż:

(*a*) li bih tagħti approvazzjoni bla ebda kondizzjoni għall-akkwist propost;

(*b*) li bih tagħti approvazzjoni għall-akkwist propost bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-awtorità kompetenti tista' tqis li jkunu xierqa; jew

(*ċ*) li bih tiċħad l-akkwist propost.

(8) Meta tkun qegħda tagħmel il-valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti m'għandha la timponi xi kondizzjoni minn qabel dwar il-livell ta' kapital azzjonarju li għandu jiġi akkwiżit u lanqas teżamina l-akkwist propost skond il-ħtiġiet ekonomiċi tas-suq.

(9) L-awtorità kompetenti tista' tiċħad l-akkwist propost biss jekk ikun hemm motivi raġonevoli għala għandu jsir dan abbażi tal-kriterji stipulati fir-Regoli ta' Servizzi ta' Investiment msemmija fl-artikolu 10(1) jew jekk l-informazzjoni provduta mill-akkwirent propost ma tkunx kompluta.

(10) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tiċħad l-akkwist propost, hija għandha, fi żmien jumejn tax-xogħol, u mhux iżjed miż-żmien ta' valutazzjoni, tgħarraf lill-akkwirent propost bil-miktub fejn tispeċifika r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. L-awtorità kompetenti tista', sew fuq talba ta' dak l-akkwirent propost sew xort'oħra, toħroġ dikjarazzjoni pubblika fejn tindika dawk ir-raġunijiet.

(11) Jekk l-awtorità kompetenti ma tiċħadx l-akkwist propost bil-miktub fiż-żmien ta' valutazzjoni, dak l-akkwist propost għandu jitqies li jkun ġie approvat.

(12) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 22, meta jiġi akkwistat kapital azzjonarju kwalifikanti f'detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment minkejja r-rifjut ta' l-awtorità kompetenti, l-eżerċizzju tal-jeddijiet ta' votazzjoni korrispondenti għandu jiġi sospiż u jekk jintefgħu xi voti bi ksur ta' dan is-subartikolu, dawn ikunu nulli u bla effett.

(13) L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi l-itwal żmien biex isir l-akkwist propost u ttawlu aktar meta tqis li dan l-għemil ikun adatt.

(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (6), meta żewġ proposti jew aktar biex jiġi akkwistat jew miżjud xi kapital azzjonarju kwalifikanti fl-istess detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jkunu ġew notifikati lill-awtorità kompetenti, din l-aħħar awtorità għandha tittratta lill-akkwirenti proposti b'mod mhux diskriminatorju.

Koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej u ma' awtoritajiet regolatorji barranin fil-każ ta' akkwisti. *Miżjud: XVIII. 2009.7.*

**10B.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera b'konsultazzjoni sħiħa mal-Awtorità regolatorja Ewropea jew ma' awtoritajiet regolatorji barranin meta tkun qegħda tagħmel il-valutazzjoni msemmija fl-artikolu 10A(2) jekk l-akkwirent propost ikun jaqa' taħt xi kategorija minn dawn li ġejjin:

(*a*) istituzzjoni ta' kreditu, impriża ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, impriża ta' l-assigurazzjoni, impriża tar-rijassigurazzjoni, kumpannija ta' investiment jew kumpannija tal-maniġġar UCITS li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE jew f'settur li ma jkunx dak fejn ikun qiegħed jiġi propost l-akkwist;

(*b*) l-impriża li jkollha kontroll ta' istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-rijassigurazzjoni, kumpannija ta' investiment jew kumpannija tal-maniġġar UCITS li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE jew f'settur li ma jkunx dak fejn ikun qiegħed jiġi propost l-akkwist; jew

(*ċ*) persuna li tkun tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, impriża ta' l-assigurazzjoni, impriża tar-rijassigurazzjoni, kumpannija ta' investiment jew kumpannija tal-maniġġar UCITS li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE jew f'settur li ma jkunx dak fejn ikun qiegħed jiġi propost l-akkwist.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi kull informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-valutazzjoni msemmija fl-artikolu 10A(2) lill-Awtorità regolatorja Ewropea jew lill-awtorità regolatorja barranija li tkun qegħda titlob dik l-informazzjoni. Meta ssir dik it-talba, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-Awtorità regolatorja Ewropea jew awtorità regolatorja barranija kull informazzjoni rilevanti u għandha tikkomunika b'inizjattiva tagħha stess kull informazzjoni essenzjali. Deċiżjoni mill-awtorità kompetenti skond l-artikolu 10A għandha tindika kull fehma jew riżerva espressa mill-Awtorità regolatorja Ewropea jew awtorità regolatorja barranija li tkun responsabbli għall-akkwirent propost.

Amalgamazzjonijiet, rikostruzzjonijiet, qsim u tibdiliet fil-kapital azzjonarju jew jeddijiet ta' votazzjoni. *Miżjud: XVII. 2009.8.*

**10Ċ.** (1) Minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, u mingħajr preġudizzju għall-artikolu 10(1) u (2), ikun meħtieġ il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti mogħti bil-miktub qabel ma detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment ikun jista' leġittimament:

(*a*) ibigħ jew jiddisponi min-negozju tiegħu jew minn xi parti sinifikanti tiegħu;

(*b*) jamalgama ma' xi kumpannija oħra, sew jekk ikollha liċenza taħt dan l-Att sew jekk ma jkollhiex;

(*ċ*) jagħmel xi rikostruzzjoni jew qsim; jew

(*d*) iżid jew inaqqas il-kapital azzjonarju nominali jew maħruġ tiegħu jew jagħmel xi bidla materjali fil-jeddijiet ta' votazzjoni.

(2) Ikun id-dmir tad-diretturi u l-azzjonisti kwalifikanti kollha ta' detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti minnufih bil-miktub, malli jsiru jafu li dak id-detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment ikun bi ħsiebu jieħu xi azzjoni minn dawk stipulati fis-subartikolu (1).

(3) Fi żmien tliet xhur minn meta tasal dik in-notifika jew minn meta tasal dik l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti tkun tista' leġittimament teħtieġ, skont liema tkun l-iżjed tardiva, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ avviż -

(*a*) li bih tagħti kunsens bla ebda kondizzjoni għall-għemil ta' dak il-pass;

(*b*) li bih tagħti l-kunsens għall-għemil ta' dak il-pass bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-awtorità kompetenti tista' tqis li jkunu xierqa; jew

(*ċ*) li bih tiċħad il-kunsens għall-għemil ta' dak il-pass,

u jekk hija tiċħad milli tagħti kunsens, hija għandha tgħarraf lill-persuna jew lid-detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment involut bil-miktub bir-raġuni taċ-ċaħda tagħha.

(4) Meta xi persuna jew xi detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jieħu jew jiddeċiedi li jieħu xi pass stipulat fis-subartikolu (1) mingħajr ma jiksbu l-kunsens ta' l-awtorità kompetenti, allura, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tagħmel ordni:

(*a*) li jżomm lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment milli jieħu jew ikompli għaddej b'dak il-pass;

(*b*) li jiddikjara dak il-pass null u bla ebda effett;

(*ċ*) li jkun jeħtieġ lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizz ta' investiment jieħu dawk il-passi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi ristawrata l-pożizzjoni li kienet teżisti minnufih qabel ma jkun ittieħed dak il-pass;

(*d*) li jżomm lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment milli jeżerċita xi drittijiet li pass bħal dak kien jagħtihom, li kieku kien wieħed leġittimu, inkluż id-dritt li jirċievu xi ħlas jew li jeżerċitaw xi jeddijiet ta' votazzjoni marbutin ma' l-azzjonijiet akkwistati;

(*e*) li jżomm lil dik il-persuna jew detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment milli jieħu xi pass bħal dak jew xi pass ieħor fil-kategoriji stipulati fis-subartikolu (1).

Prospett u reklamar għal investimenti.
*Sostitwit: XVII. 2002.145. Emendat: XX. 2007.62.*

**11.** (1)(*a*) Ebda skema ta' investiment kollettiv, liċenzjata jew le, ma għandha toħroġ jew iġġiegħel li jinħareġ prospett f'Malta jew minn Malta kemm-il darba l-prospett ma jkunx approvat mill-awtorità kompetenti.

(*b*) Ebda persuna, barra minn detenturi ta' liċenza, ma

għandhom joħorġu jew iġiegħlu li jinħareġ reklam għal investiment f'Malta, kemm-il darba l-kontenut ma jkunx approvat minn detentur ta' liċenza.

(2) L-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ dawk ir-Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment jew direttivi lil detenturi ta' liċenza kif, jidhirlha xieraq sabiex tistabilixxi *standards* minimi u ħtiġiet li għandhom ikunu mħarsa minn detenturi ta' liċenza meta joħorġu jew japprovaw reklami dwar investiment jew meta joħorġu prospett skond is-subartikolu (2). Dawk ir-Regoli ta' Servizzi ta' Invstiment jew direttivi jistgħu wkoll jinkludu disposizzjonijiet għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet skond kif ikun speċifikat fihom u jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet differenti għal każijiet differenti jew għal klassijiet ta' każijiet differenti, taħt dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u restrizzjonijiet fuq detentur ta' liċenza dwar il-ħruġ u l-approvazzjoni ta' reklami ta' investimenti, hekk kif jidhrilha xieraq.

## SETGĦAT REGOLATORJI U INVESTIGATTIVI

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.
*Emendat: XXV. 1995.432; XVII. 2002.146; IV. 2003.175; XIII. 2004.79; XII. 2006.62; XX. 2007.64; A.L. 425 ta' l-2007.*

**12.** (1) Il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti biex jagħtu effett aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr ebda preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi jista', b'dawk ir-regolamenti, b'mod partikolari, jagħmel kull ħaġa minn dawn li ġejjin:

(*a*) jemenda t-tifsira ta' "skema għal investiment kollettiv" li tinsab fl-artikolu 2, kif ukoll it-tifsira ta' "servizz ta' investiment" li tinsab fl-artikolu 2 u l-Ewwel u t-Tieni Skeda;

(*b*) jirregola servizzi ta' investiment u skemi ta' investiment kollettiv, kif ukoll servizzi provduti u attivitajiet li jitmexxew b'konnessjoni jew in relazzjoni magħhom; jipprovdi għal kull ħaġa kif jidhirlu xieraq, inkluż il-ħolqien u l-eżerċizzju ta' jeddijiet mill-pubbliku jew għall-benefiċċju tal-pubbliku, l-impożizzjoni ta' dmirijiet u obbligi fuq detenturi ta' liċenza jew persuni responsabbli għat-tmexxija jew amministrazzjoni tagħha u r-regolamentazzjoni ta' kull dritt u, jew kull ħlas ieħor impost direttament jew indirettament fuq l-investituri; jipprovdi għaż-żamma fis-sigurtà u l-kustodja tal-proprjetà ta' skemi ta' investiment kollettiv u għall-ħtieġa li jinħatar kustodju, u jippreskrivi u jirregola bl-aktar mod estensiv il-funzjonijiet, id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tal-kustodju, jistabbilixxi l-kwalifiki u kriterji oħra ta' eliġibilità meħtieġa biex wieħed jaġixxi ta' kustodju, magħduda kwalifiki ta' residenza; jipprovdi għat-tħaris tal-proprjetà ta' l-iskemi fil-każ ta' insolvenza tal-kustodju, u għall-fini

ta' dan il-paragrafu "kustodju" tinkludi sotto kustodju; jeħtieġ li jinżammu *records*, dwar it-transazzjonijiet u l-qagħda finanzjarja ta' skemi ta' investiment kollettiv u għall-ispezzjoni ta' dawk ir-*records*, u jippreskrivi ħtiġiet li jsiru rapporti w kxif, magħduda t-tħejjija ta' rapporti kull tant żmien dwar l-iskemi w l-għoti ta' dawk ir-rapporti lill-azzjonisti, detenturi ta' unitajiet jew parteċipanti oħra fl-imsemmija skemi w lil oħrajn; u jipprovdi dwar ir-regolamentazzjoni ta' ċirkolazzjoni libera ta' unitajiet ta' skemi ta' investiment kollettiv u jirregola lill-kumpanniji li jimmaniġġjaw skemi bħal dawk;

(*ċ*) jistabbilixxi skemi jew arranġamenti oħra għall-kumpens ta' investituri f'każijiet fejn detenturi ta' liċenza jew xi kategoriji tagħhom kif jista' jiġi speċifikat, ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn investituri jew talbiet dwar xi dejn li jkun sar minnhom b'konnessjoni ma' xi attività li dwarha jkunu liċenzjati u biex jirregola l-amministrazzjoni u l-finanzjament ta' kull skema jew arranġamenti bħal dawk u, l-kontribuzzjonijiet jew il-ġbir li għandhom jitħallsu fihom, biex ikunu stabbiliti l-livelli minimi u massimi ta' kumpens li jitħallsu taħthom u jista' taħt dawk l-iskemi u arranġamenti jiddistingwi bejn klassijiet differenti ta' investituri u, jeskludi ċerti klassijiet minn kumpens, u biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' u għal kull aspett li għandhom x'jaqsmu ma' dawk l-iskemi u arranġamenti u jista' wkoll jipprovdi li dawk l-iskemi jew arranġamenti kif jistgħu jiġu preskritti jkollhom personalità legali distinta minn dik tal-kontributuri tagħhom u ta' l-awtorità kompetenti u jipprovdi għar-rappreżentanza ġuridika u legali tagħhom; u dawn l-iskemi għandhom ikunu eżenti mill-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* mid-data li dawn l-iskemi jidħlu fis-seħħ;

(*d*) ifassal il-kriterji sabiex jiġi determinat jekk kontroll huwiex wieħed mhux dirett għall-għanijiet li jiġi stabbilit jekk ikunx hemm azzjonar kwalifikanti;

(*e*) jirregola l-promozzjoni jew il-bejgħ minn persuna jew f'isimha, u b'kull mezz, ta' servizz ta' investiment jew ta' skema ta' investiment kollettiv jew ta' kull strument, inklużi l-kriterji u l-proċeduri għall-għoti jew ir-rifjut ta' kunsens mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11;

(*f*) jemenda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 18 dwar iċ-ċirkostanzi meta l-udituri jkunu obbligati jikkomunikaw xi tagħrif lill-awtorità kompetenti, jippreskrivi regolamenti dwar dak li l-udituri jistgħu jikxfu bis-saħħa ta' l-artikolu 18 tagħrif li jkollhom, u jistabbilixxi proċeduri ta' sorveljanza u ta' dixxiplina għal udituri għar-rigward ta' dmirijiethom skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 18;

(*g*) jirregola l-għemil, l-approvazzjoni, il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni f'Malta ta' prospetti dwar l-offerta ta' titoli trasferibbli awtorizzati jew xort'oħra approvati, f'pajjiż jew f'pajjiżi barra minn Malta u li jipprovdi għar-rikonoxximent ta' dawk il-prospetti meta jitqiesu l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

(*h*) jipprovdi għal u jirregola l-ħlas minn xi persuna, korp jew skema, skond il-każ, ta' drittijiet ta' liċenza jew drittijiet oħra u dawk il-ħlasijiet l-oħra li jitħallsu lill-awtorità kompetenti dwar kull ħaġa li għaliha hemm provdut b'dan l-Att jew taħtu jew b'xi regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, kif jista' jiġi preskritt;

(*i*) jeżenta lil kull persuna, servizz, strument, skema ta' investiment kollettiv jew reklam minn xi waħda jew iktar minn waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att suġġett għal dawk il-varjazzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifikazzjonijiet li jistgħu jkunu preskritti u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet jew ħtiġiet oħra, magħduda forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri dwar notifika li jistgħu jkunu preskritti;

(*j*) jittrasponi l-ħtiġiet tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-sorveljanza ta' istituzzjonijiet ta' krediti, impriżi ta' l-assigurazzjoni u impriżi ta' investiment f'*conglomerate* finanzjarja, kif applikabbli għal detentur ta' liċenza, kif emendata minn żmien għal żmien, u inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa taħtha;

(*k*) jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-disposizzjonijiet u ħtiġiet tad-Direttiva;

(*l*) jistabbilixxi ħtiġiet ta' riżorsi finanzjarji għal detenturi ta' liċenza u jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza ta' kapital ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (*recast*), skond ma tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa taħtha;

(*m*) tipprovdi dwar ir-rappurtar u ħtiġiet u kondizzjonijiet oħra li persuna li tkun qegħda topera faċilità ta' negozju multilaterali għandha tissodisfa, fuq bażi dejjem għaddejja u li tkompli u li jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi u l-mod kif il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet jistgħu jkun varjati, sospiżi jew revokati, u li jittrasponi l-ħtiġiet tad-Direttiva fuqhom;

(*n*) jippreskrivi kull ħaġa li għandha jew li tista' tkun preskritta;

(*o*) jipprovdi għal kull ħaġa li hi inċidentali jew konnessa ma' dak imsemmi qabel.

(2)(A) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu wkoll jipprovdu sabiex persuna li tkun daħlet, jew offriet li tidħol fi ftehim għal investiment mad-detentur ta' liċenza, tkun tista' tħassar il-ftehim jew tirtira l-offerta f'dak iż-żmien u b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jistgħu jipprovdu -

(*a*) għall-ħtieġa ta' notifika ta' avviż dwar id-drittijiet li jistgħu jiġu eżerċitati taħt ir-regolamenti;

(*b*) għar-radd lura ta' proprjetà u biex isiru jew jinġabru lura ħlasijiet meta dawk id-drittijiet ikunu eżerċitati;

(*ċ*) għal dawk il-ħwejjeġ l-oħra li huma inċidentali jew konnessi ma' dak li ntqal qabel.

(2)(B) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jkunu jipprovdu għat-twaqqif ta' fondi komuni għall-finijiet ta' investiment fil-għamla ta' skema ta' investiment kollettiv b'kuntratt jew b'xi arranġament ieħor bil-miktub u dawk il-fondi jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' xi artikolu jew disposizzjoni tal-Kodiċi Ċivili taħt it-Titolu V tal-Parti I tat-Tieni Ktieb b'dawk il-modifiki u tibdiliet li jistgħu jiġu stabbiliti. Kap. 16.

(3) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru suġġetti għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati fihom, jistgħu jipprovdu b'mod differenti għal każijiet differenti, ċirkostanzi jew għanijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti dawk is-setgħat biex jaddattaw ir-regolamenti kif jista' jkun speċifikat.

(4) Meta jkunu nħarġu regolamenti skond dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli ta' Servizzi ta' Investiment fil-kuntest tat-tifsir ta' l-artikolu 6 sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aħjar mod u jiġu implimentati aħjar id-disposizzjonijiet tar-regolamenti.

(5) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jimponu pieni jew penalitajiet oħra dwar kull ksur jew nuqqas ta' tħaris ta' mhux iktar minn multa ta' tlieta u disgħin elf u mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (93,174.94) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) L-eżerċizzju ta' xi poteri assenjati taħt dan l-artikolu għandhom ikunu suġġetti għal kull obbligazzjoni jew dritt li joriġina mir-rabitet internazzjonali li għandha Malta.

Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li titlob tagħrif.
*Emendat: XVII. 2002.147; XX. 2007.65.*

**13.** (1) L-awtorità kompetenti tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ -

(i) lil kull persuna li tkun qiegħda tipprovdi jew li kienet tipprovdi, jew li tidher li tkun jew li kienet qed tipprovdi, servizz ta' investiment; jew

(ii) skema ta' investiment kollettiv; jew

(iii) lil kull persuna li tkun qiegħda tmexxi jew li kienet qegħda tmexxi, jew li tidher li tkun jew li

kienet qed tmexxi, attivitajiet dwar skema bħal dik; jew

(iv) lil kull persuna li tkun ħarġet, jew li tidher li tkun ħarġet reklam skond ma hemm fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11(1); jew

(v) lil kull persuna oħra li tkun tidher li għandha tagħrif siewi,

li tagħmel dan li ġej jew xi waħda minnhom:

(*a*) li tagħti lill-awtorità kompetenti f'dak iż-żmien u post u f'dik il-forma li tista' tispeċifika, inkluża s-setgħa li teħtieġ *records* tat-telefon eżistenti u tat-traffiku ta' *data* eżistenti, dak it-tagħrif u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ dwar xi servizz, skema jew reklam hekk kif intqal qabel, jew dwar xi persuna li magħha d-detentur ta' liċenza jkollu rabtiet mill-qrib skond kif imfisser fl-artikolu 6;

(*b*) li tagħti lill-awtorità kompetenti kull tagħrif jew dokumentazzjoni kif imsemmija verifikati b'dak il-mod li jista' jkun speċifikat;

(*ċ*) li tidher quddiem l-awtorità kompetenti, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak iż-żmien u post li tista' tispeċifika, biex twieġeb mistoqsijiet u tagħti tagħrif u dokumentazzjoni dwar kull servizz, jew skema jew reklam kif intqal qabel.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel kopji ta' kull dokumenti mogħtija jew provduti taħt dan l-artikolu.

(3) Meta l-persuna meħtieġa li tagħti tagħrif jew dokumentazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkollhiex it-tagħrif jew id-dokumentazzjoni rilevanti, din għandha tgħid lill-awtorità kompetenti fejn, skond l-aħjar tagħrif li jkollha, dak it-tagħrif jew dik id-dokumentazzjoni tkun, u l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil kull persuna, sew jekk indikata kif intqal qabel sew jekk le, li fil-fehma tagħha jkollha fil-pussess tagħha dak it-tagħrif jew dik id-dokumentazzjoni biex tagħtihielha.

(4) Dikjarazzjoni magħmula u dokumentazzjoni provduta skond xi waħda mill-ħtiġiet taħt dan l-artikolu jistgħu jinġiebu bħala prova kontra l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni jew li tipprovdi d-dokumentazzjoni kif ukoll kontra kull persuna li għaliha jirreferu.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal tagħrif jew dokumentazzjoni li huma privileġġati
Kap. 9 skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminali.

(6) Is-setgħa li jenħtieġ li jinġiebu dokumenti bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull rahan jew privileġġ li xi ħadd jista' jkollu għar-rigward ta' dawk id-dokumenti.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tkun ħatret persuna taħt is-subartikolu (1)(*ċ*), dik il-persuna jkollha, sabiex taqdi l-funzjonijiet

tagħha skond il-ħatra tagħha, dawk is-setgħat kollha mogħtija lill-awtorità kompetenti b'dan l-artikolu u jekk dik il-persuna teħtieġ xi ħaġa dik il-ħtieġa titqies li tkun saret u li jkollha l-istess saħħa u effett bħal ħtieġa ta' l-awtorità kompetenti.

(8) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, detentur ta' liċenza jista' jkun meħtieġ li jissottometti lill-Bank Ċentrali ta' Malta dik l-informazzjoni li l-Bank jista' b'mod raġonevoli jeħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Hatra ta' spetturi. *Emendat: XX. 2007.66.*

**14.** (1) L-awtorità kompetenti tista', kull meta jidhrilha meħtieġ jew xieraq, taħtar spettur jew spetturi biex jistħarrġu u jirrapportaw dwar l-affarijiet ta' kull persuna jew skema msemmija fil-paragrafi ta' l-artikolu 13(1)(i) sa (iv).

(2) Spettur maħtur taħt is-subartikolu (1) -

(*a*) jista' wkoll, jekk jidhirlu meħtieġ jew xieraq għall-finijiet ta' dak l-istħarriġ, jistħarreġ l-affarijiet ta' persuna jew skema msemmija fis-subartikolu (1);

(*b*) ikollu u jkun jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lill-awtorità kompetenti bl-artikolu 13, u kull ħaġa li jeħtieġ titqies li tkun u jkollha l-istess saħħa u effett bħal ħtieġa ta' l-awtorità kompetenti;

(*ċ*) jista', u jekk hekk ordnat mill-awtorità kompetenti għandu, jagħmel rapporti *interim* u fuq il-konklużjoni ta' l-istħarriġ tiegħu jagħmel rapport finali lill-imsemmija awtorità.

(3) L-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa tordna li l-ispejjeż kollha ta' investigazzjoni, u li għandhom x'jaqsmu magħha, li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu mill-persuni jew mill-iskema involuti.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu spetturi jistgħu jinkludu avukat, persuna awtorizzata li teżerċita l-professjoni ta' *accountant* jew awditur skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jew persuna kkunsidrata mill-awtorità kompetenti bħala li għandha esperjenza idonea biex teżerċita dik il-funzjoni.

Setgħa li jinħarġu direttivi. *Emendat: XVII. 2002.148; XX. 2007.67.*

**15.** (1) Bla ħsara għal xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha bl-artikoli 13 u l4 ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', kull meta jidhrilha xieraq, u sew jekk fuq rapport ta' spettur maħtur taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att u sew jekk le, tagħti, b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi; u kull persuna jew skema msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att li lilha jingħata l-avviż għandha tobdi, tħares jew xort'oħra tagħti effett lil kull direttiva bħal dik fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva jew f'direttiva oħra wara.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, direttiva taħt dan l-artikolu tista' -

(*a*) teħtieġ kull ħaġa li għandha ssir jew li ma għandhiex issir, jew timponi kull projbizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jew kull ħtieġa oħra, u tagħti setgħat,

dwar kull transazzjoni jew għemil ieħor, jew dwar kull attiv, jew dwar kull ħaġ'oħra tkun li tkun;

(*b*) teħtieġ li skema ta' investiment kollettiv u l-*manager* ta' dik l-iskema, jew lill-ekwivalenti tiegħu, u lil kull persuna oħra li tista' toħroġ, tifdi, tbiegħ jew tixtri unitajiet fl-iskema, li jieqfu milli joħorġu, jifdu, ibiegħu jew jixtru unitajiet jew li jagħmlu dawk l-attivitajiet kollha jew xi kombinazzjoni tagħhom, hekk kif jista' jkun speċifikat fid-direttiva jew f'direttiva oħra wara;

(*ċ*) teħtieġ li xi persuna li jkollha funzjonijiet fir-rigward ta' detentur ta' liċenza titneħħa jew titneħħa u tinbidel minn persuna oħra li tkun aċċettabbli għall-awtorità kompetenti;

(*d*) teħtieġ li skema ta' investiment kollettiv jew id-diretturi u l-azzjonisti tagħha, jew il-*manager* jew it-*trustee* jew il-kustodju ta' skema, jew lil-ekwivalenti tagħhom, li jxolju l-iskema sa dik id-data u skond dik il-proċedura u disposizzjonijiet oħra li jistgħu jkunu speċifikati fid-direttiva jew f'direttiva oħra wara;

(*e*) teħtieġ li detentur ta' liċenza jew ta' xi persuna li tkun jew li kienet tipprovdi, jew li tkun tidher li hi jew li kienet tipprovdi servizz ta' investiment jieqaf milli jkompli jopera u li jxolji skond il-proċeduri u struzzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-direttiva, li tista' wkoll tipprovdi għall-ħatra ta' persuna sabiex jieħu pussess u kontroll tad-dokumenti, ta' l-assi, u tal-proprjetà kollha li jappartjenu lil jew li jinsabu fil-pussess jew kontroll tad-detentur ta' liċenza jew ta' dik il-persuna l-oħra;

(*f*) teħtieġ il-waqfien ta' kull prattika li tmur kontra d-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva;

(*g*) teħtieġ it-tneħħija ta' strument finanzjarju minn negozjar, f'arranġamenti ta' negozju fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva, li ma jkunx fi swieq regolati skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji. Kap. 345.

(3) Is-setgħa li jingħataw direttivi taħt dan l-artikolu għandha tinkludi s-setgħa li tvarja, tibdel, iżżid ma' jew tirtira kull direttiva, kif ukoll is-setgħa li toħroġ direttivi ġodda jew direttivi oħra.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma illi ċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, hija tista' fi kwalunkwe ħin tippubblika kull direttiva li tkun tat taħt kull provvediment ta' dan l-artikolu.

Setgħa għal dħul.

**16.** (1) Kull uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti, li juri jekk mitlub, evidenza ta' l-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun notifikat avviż taħt l-artikolu 13 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu mistħarrġa taħt l-artikolu 14, sabiex minn hemm jikseb it-tagħrif jew id-dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew xort'oħra għall-finijiet ta' l-istħarriġ, u sabiex jeżerċita is-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli.

(2) Meta persuna li tkun uffiċjal, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti jkollha raġuni biżżejjed li taħseb li jekk dak l-avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1) kellu jkun notifikat ma jkunx se jitħares jew li xi dokumenti li għalih jista' jirreferi jitneħħew, ikunu mbagħbsa jew distrutti, l-imsemmija persuna tista', wara li turi l-evidenza tagħha, jekk mitluba, tidħol f'kull post imsemmi fis-subartikolu (1) sabiex minn hemm tikseb kull tagħrif jew dokumenti speċifikati fl-awtorità, liema tagħrif jew dokumenti setgħu kienu meħtieġa bis-saħħa ta' dak l-avviż li hemm imsemmi fis-subartikolu (1).

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni li tittieħed taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan l-għan jeżerċita dawk is-setgħat li huma vestiti fih sabiex iħares milli jsiru reati u sabiex jinfurza l-liġi u l-ordni.

Pieni amministrattivi u miżuri oħra.
*Miżjud: XX. 2007.68. Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**16A.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra mogħtija lill-awtorità kompetenti skond dan l-Att, meta detentur ta' liċenza jew *manager*, segretarju, direttur jew xi persuna oħra responsabbli lejn id-detentur ta' liċenza jikser jew jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi kondizzjonijiet imposti f'xi liċenza, u, jew meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta l-aġir ta' xi persuna jammonta għal ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġa taħtha, inklużi n-nuqqas li tikkopera f'xi investigazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' b'avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda smigħ fil-qorti timponi fuq id-detentur tal-liċenza, *manager*, segretarju, direttur, u, jew kull persuna oħra skond il-każ, penali amministrattiva li ma tkunx ta' iżjed minn tlieta u disgħin elf u mija u erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (93,174.94).

(2) Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jistgħu jkunu jipprovdu għall-imposizzjoni ta' pieni amministrattivi jew miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti fuq detenturi ta' liċenza jew oħrajn, skond ma jista' jkun speċifikat, sew bħala ta' penali stabbiliti, penali għal kull ġurnata, jew it-tnejn flimkien, għal kull ksur tar-Regoli.

(3) L-imposizzjoni ta' penali amministrattiva mill-awtorità kompetenti skond dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull konsegwenza oħra ta' l-Att jew ommissjoni tal-ħati kemm taħt id-dritt ċivili kemm taħt id-dritt kriminali:

Iżda fil-każijiet kollha meta l-awtorità kompetenti timponi penali amministrattiva għar-rigward ta' xi ħaġa li ssir jew tonqos milli ssir minn xi persuna u dak l-att jew dik l-ommissjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu reat kriminali, ebda proċeduri ma jistgħu jinbdew jew jitkomplew kontra dik il-persuna għar-rigward ta' dak ir-reat kriminali.

(4) Meta jingħalqu l-proċeduri ta' xi appell skond l-artikolu 19, jew inkella jiskadi ż-żmien meħtieġ biex jiġi ppreżentat dak l-appell, l-awtorità kompetenti tista', permezz ta' dikjarazzjoni pubblika, tiżvela l-isem tal-persuna li fuqha tiġi imposta penali, xi jkun il-ksur partikolari ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att,

regolamenti jew Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtu, u l-penali jew il-miżura amministrattiva li tkun ġiet imposta. L-awtorità kompetenti għandha żżomm milli tagħmel dak l-iżvelar pubbliku meta hija tqis li dak l-iżvelar ikun ser jippreġudika lis-swieq finanzjarji jew jikkaġuna dannu sproporzjonat għall-partijiet involuti.

Obbligazzjoni li jiġu dikjarati r-raġunijiet għal deċiżjonijiet.
*Miżjud:*
*XX. 2007.68.*

**16B.** Kull deċiżjoni li tittieħed taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti skond disposizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva, inklużi regolamenti, Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, jew disposizzjonijiet amministrattivi magħmulin taħtha għal dik it-trasposizzjoni, għandha tiddikjara l-motivi li dik id-deċiżjoni tkun ibbażata fuqhom.

*Sostitwit:*
*XX. 2007.69.*

KO-OPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET REGOLATORJI EWROPEJ U MA' KORPI OĦRA

Setgħat li jistgħu jitwettqu.
*Emendat:*
*XVII. 2002.149;*
*XX. 2007.70.*

**17.** (1) L-awtorità kompetenti għandha taġixxi bħala l-punt ta' riferiment skond u għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 56 tad-Direttiva.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull meta dan ikun meħtieġ għall-fini li twettaq dmirijietha taħt id-Direttiva. Hija għandha tagħti l-assistenza meħtieġa lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, b'mod partikolari permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni u billi tikkopera f'xi funzjoni investigattiva jew ta' sorveljanza. Skond id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' tuża s-setgħat tagħha għall-finijiet ta' koperazzjoni ukoll f'dawk il-każijiet meta l-aġir taħt investigazzjoni ma jkunx jikkostitwixxi ksur ta' xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta' Servizzi ta' Investiment maħruġin taħtha.

(3) Malli tiġi riċevuta talba mingħand l-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment fi ħdan l-Istati Membri individwali jew fi Stati ŻEE taħt is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 56 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha minnufih tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' twettaq dmirijietha konformement mad-Direttiva. Jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa minnufih, din għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea bir-raġunijiet għal dan.

(4) Fil-waqt li l-informazzjoni tkun qegħda tiġi komunikata lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej, sew jekk nominati bħala punti ta' riferiment sew jekk ma jkunux, l-awtorità kompetenti tista' tistipula li l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, f'liema każ dik l-informazzjoni tista' tiġi skambjata unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha.

(5) Meta awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tiskambja informazzjoni ma' l-awtorità kompetenti tistipula fil-waqt li tkun qegħda tikkomunika dik l-informazzjoni li dik l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, dik l-informazzjoni tista' tiġi użata mill-awtorità kompetenti unikament

għall-finijiet li dwarhom l-awtorità regolatorja Ewropea kienet tkun tat il-kunsens tagħha.

(6) Dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta mill-awtorità kompetenti minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE tista' tiġi trasmessa lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra, sakemm:

(*a*) jinkiseb il-kunsens espress tal-punti ta' riferiment li żvelaw l-informazzjoni; u

(*b*) l-informazzjoni tiġi użata unikament għall-finijiet li dwarhom il-punti ta' riferiment ikunu taw il-kunsens tagħhom:

Iżda f'dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu ġustifikati kif imiss, l-awtorità kompetenti tista' tittrasmetti informazzjoni lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra mingħajr ma tissodisfa l-kondizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi (*a*) u (*b*), f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha minnufih tinforma lill-punt ta' riferiment li tkun bagħtet l-informazzjoni.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi informazzjoni kunfidenzjali minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE jew minn awtoritajiet regolatorji barranin jew udituri taħt l-artikoli 17D u 18, jew meta korpi jew persuni naturali jew legali oħra jirċievu informazzjoni kunfidenzjali mingħand l-awtorità kompetenti, dawn jistgħu biss jużaw dik l-informazzjoni kunfidenzjali fil-kors tal-qadi ta' dmirijiethom, b'mod partikolari:

(*a*) biex jivverifikaw li l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' ġestjoni tan-negozju ta' liċenza ta' detenturi ta' servizzi ta' investiment ikunu ġew sodisfatti u biex jiffaċilitaw is-sorveljar, fuq bażi mhux konsolidata jew waħda konsolidata, ta' l-andament ta' dak in-negozju, speċjalment dwar il-ħtiġiet tar-riżorsi finanzjarji;

(*b*) li jissorveljaw il-funzjonament adatt ta' lokalitajiet tan-negozju fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva;

(*ċ*) li jimponu penali jew jadottaw miżuri amministrattivi oħra u li jikkunsidraw dawk l-ilmenti li jaslulhom dwarhom;

(*d*) f'appelli taħt l-artikolu 19; jew

(*e*) biex jinvestigaw ilmenti li jkunu rċevew mingħand il-konsumaturi skond l-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

(8) Mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti jkollha tassew għaliex tissuspetta li attijiet li jmorru kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva jkunu qegħdin jitwettqu jew ikunu ġew imwettqa fit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha, hija għandha tavża b'dan b'mod kemm jista' jkun speċifiku lill-punt ta' riferiment fl-Istat Membru l-ieħor jew Stat ŻEE.

(9) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea

jew minn awtorità regolatorja estera, din ma tistax tiġi żvelata lil awtorità regolatorja Ewropea jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja Ewropea jew ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(10) Meta awtorità regolatorja Ewropea tissuspetta li attijiet imwettqin minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha u li jkunu jmorru kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva, ikunu qegħdin jitwettqu jew ikunu twettqu f'Malta u tavża lill-awtorità kompetenti b'dan, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kull azzjoni li tkun adatta. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tavża bl-eżitu ta' kull tali azzjoni u, sakemm ikun possibbli, bl-iżviluppi sinifikanti li jseħħu fil-frattemp:

Iżda kull tali azzjoni li tittieħed mill-awtorità kompetenti għandha tkun mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat u l-funzjonijiet ta' l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun tat l-informazzjoni.

(11) Mingħajr ebda preġudizzju għad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita dawn is-setgħat li ġejjin fuq talba ta' awtorità regolatorja Ewropea jew bil-għan li tgħin lil dik l-awtorità:

(*a*) is-setgħa li timponi, tirrevoka jew tibdel il-kundizzjonijiet ta' l-għoti ta' liċenza skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6(2);

(*b*) is-setgħa li tħassar jew tissospendi liċenza taħt l-artikolu 7(1);

(*ċ*) is-setgħat ta' inkjesta taħt l-artikolu 13;

(*d*) is-setgħa li jinħatru spetturi taħt l-artikolu 14;

(*e*) is-setgħat ta' intervent taħt l-artikolu 15;

(*f*) is-setgħat ta' dħul taħt l-artikolu 16;

(*g*) is-setgħa li jiġi komunikat lill-awtorità regolatorja Ewropea tagħrif li l-awtorità kompetenti jkollha f'idejha, sew jekk bħala riżultat ta' l-eżerċizzju ta' xi waħda mis-setgħat imsemmija qabel u sew jekk le.

Koperazzjoni fil-funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki li jsiru fuq il-post jew fil-każ ta' investigazzjonijiet. *Miżjud: XX. 2007.71.*

**17A.** (1) L-awtorità kompetenti tista' titlob il-koperazzjoni ta' l-awtorità regolatorja Ewropea fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha jew dwar xi verifika li ssir fuq il-post jew f'xi investigazzjoni:

Kap. 345.

Iżda fil-każ ta' persuna li tkun detentur ta' liċenza jew ta' xi awtorizzazzjoni ekwivalenti oħra mingħand awtorità regolatorja Ewropea u li tkun membru remot fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva ta' suq regolat awtorizzat skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, l-awtorità kompetenti tista' tikkomunika ma' dik il-persuna direttament, u f'dak il-każ l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-punt ta' riferiment ta' l-Istat Membru domestiku ta' dik il-persuna skond dan.

(2) Awtorità regolatorja Ewropea tista' titlob il-koperazzjoni ta' l-awtorità kompetenti fit-twettiq talfunzjonijiet ta' sorveljanza tagħha jew dwar verifika li ssir fuq il-post jew f'xi investigazzjoni, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha, fil-kuntest tas-setgħat li għandha:

(*a*) tagħmel il-verifiki jew l-investigazzjoni nnifisha; jew

(*b*) tippermetti lill-awtorità rikjedenti tagħmel il-verifika jew investigazzjoni; jew

(*ċ*) tippermetti lill-ispetturi jew lill-esperti fil-kuntest tat-tifsir ta' l-artikolu 14 li jagħmlu l-verifika jew investigazzjoni.

Meta xi ħadd jonqos milli jikkopera. *Miżjud: XX. 2007.71.*

**17B.** L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta milli taġixxi f'każ ta' talba għal koperazzjoni fl-għemil ta' xi investigazzjoni, verifika li ssir fuq il-post jew funzjoni ta' sorveljanza taħt l-artikolu 17A jew ta' skambju ta' informazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 tad-Direttiva biss meta:

(*a*) dik l-investigazzjoni, verifika li ssir fuq il-post, funzjoni ta' sorveljanza jew skambju ta' informazzjoni jkunu jistgħu jaffettwaw b'mod kuntrarju s-sovranità, is-sikurezza jew il-politika pubblika ta' Malta;

(*b*) ikunu diġà nbdew proċeduri għar-rigward ta' l-istess azzjonijiet u kontra l-istess persuni quddiem il-qrati ta' Malta; jew

(*ċ*) tkun diġà ngħatat sentenza finali għar-rigward ta' dawk il-persuni għall-istess azzjonijiet f'Malta:

F'każ bħal dak hawn qabel imsemmi, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea skond dan, fejn kemm jista' jkun tipprovdi informazzjoni dettaljata biex tiġġustifika dak ir-rifjut.

Konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet mogħtija qabel il-ħruġ ta' liċenza. *Miżjud: XX. 2007.71.*

**17Ċ.** (1) Qabel ma tingħata liċenza lil applikant li jkun -

(*a*) sussidjarju ta' persuna li jkollha liċenza ta' servizzi ta' investiment jew awtorizzazzjoni ekwivalenti jew ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(*b*) sussidjarju ta' l-impriża prinċipali ta' persuna li tkun detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jew awtorizzazzjoni ekwivalenti jew ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(*ċ*) li jkun kontrollat mill-istess persuni naturali jew legali li jikkontrollaw lil detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jew lid-detentur ta' awtorizzazzjoni ekwivalenti jew lil istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE,

l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta ma' l-awtoritajiet regolatorji Ewropej rilevanti.

(2) Qabel ma tingħata liċenza lil applikant li jkun -

(*a*) sussidjarju ta' istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' l-assigurazzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(*b*) sussidjarju ta' l-impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' l-assigurazzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(*ċ*) kontrollat mill-istess persuna, sew naturali jew legali, li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' l-assigurazzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE,

l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta ma' l-awtorità regolatorja Ewropea responsabbli għas-sorveljanza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew impriżi ta' l-assigurazzjoni.

(3) Il-konsultazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej għandha b'mod partikolari sseħħ meta tkun qegħda tiġi valutata l-adattabbilità ta' l-azzjonisti jew tal-membri u l-fama u l-esperjenza ta' persuni li effettivament imexxu n-negozju li jkunu involuti fl-immaniġġar ta' xi entità oħra ta' l-istess grupp. L-awtorità kompetenti għandha tiskambja kull informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-awtoritajiet regolatorji Ewropej involuti oħra li tkun tirrigwarda l-adattabbilità ta' azzjonisti jew membri u l-fama u l-esperjenza ta' persuni li jkunu effettivament imexxu n-negozju, kemm għall-ħruġ tal-liċenza kemm għall-valutar ta' konformità kontinwa mal-kondizzjonijiet operattivi.

*Miżjud: XX. 2007 72.*

## KOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET REGOLATORJI BARRANIN U MA' KORPI OĦRA

Koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin. *Miżjud: XX. 2007.72.*

**17D.** (1) Pattijiet ta' koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew fi Stati ŻEE jistgħu jsiru biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa taħt l-artikolu 26. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun intiż għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali:

Iżda t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew lejn Stati ŻEE għandu jsir skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 fuq il-protezzjoni ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u fuq il-moviment liberu ta' dik id-*data*.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel pattijiet ta' koperazzjoni li jkunu jipprovdu dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin, ma' awtoritajiet oħra jew ma' korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew fi Stati ŻEE responsabbli:

(i) għas-sorveljanza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, organizzazzjonijiet finanzjarji oħra, persuni li

jkollhom liċenza, impriżi ta' l-assigurazzjoni u għas-sorveljanza ta' swieq finanzjarji;

(ii) għal-likwidazzjoni u falliment ta' persuni li jkollhom liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti u proċeduri simili oħrajn;

(iii) għat-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet ta' persuni li jkunu detenturi ta' liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' l-assigurazzjoni, fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħhom, jew li jamministraw skemi ta' kompensazzjoni, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(iv) għall-monitoraġġ tal-korpi involuti fil-likwidazzjoni u l-falliment ta' persuni li jkollhom liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti u proċeduri simili oħrajn;

(v) għall-monitoraġġ ta' persuni li jkunu inkarigati mit-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni, persuni li jkunu detenturi ta' liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti, istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

(3) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja estera, din ma tistax tiġi żvelata lill-awtorità regolatorja estera jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja Ewropea jew ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(4) Mingħajr ebda preġudizzju għad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, fuq talba ta' l-awtorità regolatorja estera jew għall-finijiet li din tiġi assistita, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita s-setgħat elenkati fl-artikolu 17(11), u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "awtorità regolatorja Ewropea" għandhom jinftiehmu bħala "awtorità regolatorja estera".

DMIRIJIET TA' L-UDITURI

Dmir ta' l-uditur li jirrapporta.
*Emendat: XVII. 2002.150.*

**18.** (1) L-uditur ta' detentur ta' liċenza jkollu d-dmir jirrapporta minnufih lill-awtorità kompetenti kull fatt jew deċiżjoni li jsir jaf bih fil-kapaċità tiegħu ta' uditur ta' dak id-detentur ta' liċenza, liema fatt -

(*a*) x'aktarx iwassal għal kwalifika serja jew rifjut tar-rapport ta' l-uditur fuq il-kontijiet ta' dak id-detentur ta' liċenza; jew

(*b*) jikkostitwixxi jew x'aktarx jikkostitwixxi ksur materjali tal-ħtiġiet legali jew regolatorji applikabbli għad-detentur tal-liċenza f'dan l-Att jew taħtu; jew

(*ċ*) itellef serjament il-kapaċità tad-detentur ta' liċenza li jkompli jmexxi bħala *going concern*; jew

(*d*) ikollu x'jaqsam ma' xi ħaġa oħra li għad tista' tiġi preskritta.

(2) Uditur ta' detentur ta' liċenza għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti kull fatt jew deċizjoni kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' kull persuna li jkollha rabtiet mill-qrib ma' dak id-detentur tal-liċenza kif imfisser fl-artikolu 6, jew li jsir jaf bih fil-kapaċità tiegħu ta' uditur tad-detentur tal-liċenza jew tal-persuna li jkollha dawk ir-rabtiet mill-qrib.

(3) Ebda dmir (magħdud id-dmir ta' segretezza professjonali) li bih jista' jkun marbut l-uditur ta' detentur ta' liċenza, ma għandu jitqies bħala li jkun ġie miksur għar-raġuni li huwa jkun wassal *in bona fede* lill-awtorità kompetenti, sew jekk għax mitlub minnha jew le, xi tagħrif jew fehma fuq xi ħaġa li l-uditur sar jaf biha minħabba fix-xogħol tiegħu ta' uditur ta' dak id-detentur ta' liċenza u li tkun relevanti għall-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew li tenħtieġ li tiġi komunikata bis-saħħa tas-subartikolu (1).

(4) Il-ħwejjeġ preskritti għall-finijiet tas-subartikolu (1)(*d*) jistgħu jinkludu ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' persuni li ma jkunux id-detenturi ta' liċenza.

## APPELLI, RIMEDJI, SANZJONIJIET U KONFIDENZJALITÀ

Appelli.
*Emendat:*
*XVII. 2002.151;*
*XII. 2006.63;*
*XX. 2007.73;*
*XVII. 2009.9.*
Kap. 330.

**19.** (1) F'dan l-artikolu "it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal imwaqqaf taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jista' jsir appell lit-Tribunal dwar -

(*a*) kull avviż skond l-artikolu 3(3);

(*b*) kull nuqqas li jiġi infurmat applikant fil-parametri ta' l-artikolu 6(6);

(*ċ*) kull penali amministrattiva imposta taħt l-artikolu 16A;

(*d*) kull ċaħda, tibdil, tħassir jew sospensjoni ta' liċenza taħt l-artikolu 8(3);

(*e*) kull avviż maħruġ jew ordni magħmul skond l-artikoli 10, 10A u 10Ċ;

(*f*) kull deċizjoni li tirrigwarda reklam taħt l-artikolu 11;

(*g*) kull piena jew penali imposta taħt l-artikolu 12(5); jew

(*h*) kull direttiva mogħtija taħt l-artikolu 15.

Kap. 330.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli li jistgħu jinġiebu quddiem it-Tribunal taħt dan l-artikolu.

Ċertu ftehim li ma jistax ikun eżegwit.

**20.** Ftehim ta' investiment li jsir -

(*a*) minn persuna fil-waqt li tkun qed tipprovdi servizz ta' investiment bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3; jew

(*b*) mid-detentur ta' liċenza għal servizzi ta' investiment jew minn persuna eżentata minħabba xi ħaġa li tkun intqalet jew saret minn persuna fil-waqt li tkun qed tipprovdi servizz ta' investiment bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3,

ma jkunx jista' jiġi nfurzat kontra l-parti l-oħra; u dik il-parti l-oħra jkollha l-jedd li tieħu lura kull flus imħallsa, jew kull proprjetà oħra trasferita minnha taħt il-ftehim, jew meta dik il-proprjetà ma tkunx tista' hekk tintradd lura, dik il-parti jkollha l-jedd li minflokha tieħu lura l-valur li kellha meta sar il-ftehim, flimkien ma' kumpens għal kull telf li tkun ġarrbet minħabba dak il-ħlas jew it-trasferiment jew minħabba li ma tkunx tista' tieħu lura l-proprjetà trasferita u kull qligħ li jista' jkun sar minħabba li dawk il-flus jew il-proprjetà l-oħra kienu ġew trasferiti minnha:

Iżda meta fuq talba għal radd lura taħt dan l-artikolu, il-qorti tkun sodisfatta li -

(i) f'każ li jaqa' taħt il-paragrafu (*a*), il-persuna hemm imsemmija tkun b'mod raġonevoli ħasbet li ma kenitx qed tikser l-imsemmi artikolu 3; jew

(ii) f'każ li jaqa' taħt il-paragrafu (*b*), id-detentur tal-liċenza jew persuna eżentata la kien jaf u lanqas seta' jkun jaf li l-ftehim kien sar bil-mod kif imsemmi f'dak il-paragrafu,

il-qorti tista' tilqa' li ftehim ta' investiment li għalih japplika dan l-artikolu jkun eżegwit u l-flus jew il-proprjetà mħallsa jew trasferita bis-saħħa tiegħu jinżammu.

Setgħat tal-qorti f'każ li x'aktarx ikun hemm kontravvenzjoni. *Emendat: XXIV. 1995.362; XX. 2007.74.*

**21.** (1) Jekk, fuq rikors ta' l-awtorità kompetenti magħmul lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-imsemmija qorti tkun sodisfatta -

(*a*) li jkun jidher b'mod raġonevoli li persuna tkun se tisker xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 3, 4 jew 11 jew ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment u regolamenti magħmula taħtu, jew li tkun se tikser jew tonqos milli tħares xi kondizzjoni, obbligazzjoni, ħtieġa, Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi disposizzjoni ta' dan l-Att; jew

(*b*) li persuna tkun kisret dik id-disposizzjoni jew tkun kisret jew naqset milli tħares xi kondizzjoni, obbligazzjoni, ħtieġa, direttiva jew ordni u li jistgħu jittieħdu passi sabiex ikun hemm rimedju għall-ksur jew nuqqas,

il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex ma jsirx il-ksur jew, skond il-każ, biex teħtieġ lill-persuna msemmija fil-paragrafu (*a*) jew (*b*), jew lil kull persuna oħra li fil-fehma tal-qorti tkun xjentement imdaħħla fil-ksur, biex tieħu dawk il-passi li l-qorti tista' tordna.

(2) Jekk, fuq rikors magħmul bis-saħħa tas-subartikolu (1), il-qorti tkun sodisfatta li persuna tkun daħlet fi transazzjoni bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 3, 4 jew 11, il-qorti tista' tordna lil dik il-persuna u lil kull persuna oħra li tkun tidher lill-qorti li kienet persuna xjentement involuta fil-ksur sabiex jieħdu dawk il-passi hekk kif il-qorti tista' tordna sabiex tirrijintegra lill-partijiet fl-istess qagħda li kienu jinsabu fiha qabel ma tkun saret it-transazzjoni.

(3) Jekk, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-qorti tkun ukoll sodisfatta li -

(*a*) xi persuna għamlet qligħ b'riżultat tal-ksur; jew

(*b*) investitur ikun ġarrab telf jew xort'oħra jkun effettwat ħażin minħabba dak il-ksur,

il-qorti tista' tordna lill-persuna responsabbli għall-ksur li tħallas fil-qorti dik is-somma li jidhrilha li tkun ġusta meta tqis l-ammont tal-profitt, telf jew effett ħażin kif intqal qabel, u tordna li dik is-somma titħallas kif tordna l-qorti lill-persuni li jkunu għamlu negozju li mħabba fih ikunu nqalgħu profitti jew ikun iġġarrab telf jew effetti ħżiena kif intqal qabel.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-qorti tista' tordna lil kull persuna li tipproduċi dawk il-kontijiet u li tagħti dak it-tagħrif, li jkunu verifikati b'dak il-mod, kif il-qorti jidhrilha xieraq.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma bla ħsara għal kull jedd ta' kull persuna aggravata li tipproċedi direttament dwar xi dritt li dik il-persuna jista' xort'oħra jkollha indipendentement mill-awtorità kompetenti.

Reati.
*Emendat: XX. 2007.75.*

**22.** (1) Persuna li tikser jew li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 3, 4, 9, 10, 11, 13, 15 jew 26 jew ta' l-artikolu 13 kif applikat bl-artikolu 14, jew ta' l-artikoli 13, 14 jew 15 kif applikati bl-artikoli 17 u 17D, jew ta' kull ordni tal-qorti magħmul taħt l-artikolu 21 jew ta' kull regolament magħmul taħt l-artikoli 12 jew 31, jew tikser jew tonqos li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmul jew mogħti taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tkun ħatja ta' reat.

(2) Kull persuna li għall-finijiet ta', jew b'segwitu ta', xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ta' xi kondizzjoni, obligazzjoni, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmul jew mogħti kif intqal qabel, tagħti tagħrif jew tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li ma tkunx preċiża jew li tkun falza jew qarrieqa b'mod materjali, jew bi traskuraġni tagħti tagħrif jew tagħmel dikjarazzjoni li ma tkunx preċiża jew li tkun falza jew qarrieqa b'mod materjali, tkun ħatja ta' reat.

(3) Kull persuna li xjentement tieħu sehem fit-tmexxija ta' xi servizz ta' investiment jew ta' xi attività minn skema ta' investiment kollettiv bi ħsieb qarrieqi jew għal għan qarrieqi, tkun ħatja ta' reat.

(4) Kull persuna li b'xi dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira li tkun taf li tkun tiżgwida, qarrieqa jew falza, jew b'xi ħabi diżonest

ta' fatti materjali, jew billi tagħmel bi traskuraġni (sew jekk b'mod diżonest jew xort'oħra) xi dikjarazzjoni, wegħda jew tbassira li tkun tiżgwida, qarrieqa jew falza, tipperswadi jew tipprova tipperswadi lil xi persuna oħra biex tagħmel jew toffrilha biex tagħmel ftehim ta' investiment, tkun ħatja ta' reat.

(5) Kull persuna li bil-ħsieb li ma tinqabadx li tkun għamlet reat taħt dan l-Att tneħħi, tiddistruġġi, taħbi jew b'mod qarrieqi tibdel xi ktieb, dokument jew xi karta oħra, tkun ħatja ta' reat.

(6) Kull persuna li xjentement tfixkel persuna milli teżerċita d-dmirijiet tagħha mogħtija lilha b'dan l-Att tkun ħatja ta' reat.

Pieni.
*Emendat: XX. 2007.76; A.L. 425 ta' l-2007.*

**23.** Persuna ħatja ta' reat taħt l-artikolu 22 teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin elf u tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (465,874.68) jew għal priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba dik il-piena ta' multa jew priġunerija ma tkunx imposta taħt l-artikolu 12(5).

Proċedimenti kriminali.

**24.** (1) Ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att ma jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jkunu kompetenti taħt xi liġi oħra.

Dikjarazzjoni pubblika dwar l-imgieba ħażina ta' persuna.
*Emendat: XII. 2006.64; XX. 2007.77.*

**25.** (1) Jekk l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li persuna li jkollha jew kellha liċenza, jew xi persuna oħra, tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att jew li kisret jew naqset milli tħares xi kundizzjoni, obbligazzjoni, ħtieġa, Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista' tippubblika dikjarazzjoni li tkun tgħid dan.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jnaqqsux jew b'xi mod ieħor jippreġudikaw is-setgħat mogħtija lill-awtorità kompetenti taħt l-artikolu 15(4).

Konfidenzjalità.
*Emendat: XVII. 2002.152. Sostitwit: IV. 2003.176; XII. 2006.65. Emendat: XX. 2007.78.*

**26.** (1) Tagħrif miksub mill-awtorità kompetenti jew mill-uffiċjali, impjegati jew aġenti tagħha, kif ukoll mill-ispetturi, awdituri u esperti mqabbda mill-awtorità kompetenti għall-finijiet, jew f'konformità ma', xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula taħtu, jew fil-qadi ta' xi funzjonijiet taħt xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet, għandu jitqies bħala kunfidenzjali u protett bid-dmir ta' segretezza professjonali, u m'għandu jiġi żvelat lil ebda persuna oħra ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-iżvelar ikun meħtieġ għall-kxif, prevenzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali taħt id-disposizzjonijiet kriminali ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor;

(*b*) meta t-tagħrif jiġi żvelat sabiex jinbdew, jew xort'oħra għall-finijiet ta' proċedimenti mill-awtorità kompetenti quddiem xi qorti taħt dan l-Att;

(*ċ*) meta t-tagħrif jigi żvelat fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali f'każ ta' falliment jew xoljiment u stralċ mill-Qorti ta' detentur ta' liċenza, sakemm dik l-informazzjoni ma tikkonċernax terzi persuni u tkun meħtieġa biex jitwettqu l-proċeduri, jew tingħata lil korp barrani responsabbli għall-istralċ u għall-falliment ta' detentur ta' liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti minn awtorità regolatorja Ewropea jew awtorità regolatorja barranija;

(*d*) meta xi sommarju jew ġabra tat-tagħrif ikun preparat jew mogħti b'tali mod li ma tkunx tista' tintgħaraf l-identità tal-persuni li t-tagħrif ikun jirreferi għalihom;

(*e*) meta t-tagħrif jingħata lill-awdituri meta dak il-kxif kellu jgħin lill-awdituri fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt l-artikolu 18;

Kap. 345.

(*f*) meta t-tagħrif jingħata lill-Bank Ċentrali ta' Malta jew lill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi; u

(*g*) meta t-tagħrif jingħata lil xi awtorità oħra regolatorja, ġudizzjarja jew ta' infurzar, lokali jew barranija, abbażi ta' kwistjonijiet serji ta' natura regolatorja jew kriminali:

Iżda dan l-artikolu ma għandux iżomm lill-awtorità kompetenti milli tiskambja jew tittrasmetti informazzjoni kunfidenzjali skond id-Direttiva u skond kull Direttiva oħra tal-Komunità Ewropea li tkun tapplika għad-detentur tal-liċenzi, istituzzjonijiet ta' kreditu, fondi tal-pensjoni, UCITS, intermedjarji ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni, impriżi ta' l-assigurazzjoni, swieq regolati jew operaturi fis-swieq:

Iżda wkoll dan l-artikolu ma għandux iżomm lill-awtorità kompetenti milli tuża dik l-informazzjoni għal finijiet oħra meta l-korp jew il-persuna li tkun qegħda twassal l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tagħti l-kunsens tagħha għal dan.

(2) Mingħajr ebda preġudizzju għall-każijiet koperti mid-dritt kriminali, kull informazzjoni kunfidenzjali li tkun ġiet riċevuta minn korpi jew persuni naturali jew legali fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Artikolu 58 tad-Direttiva għandha biss tiġi użata fit-twettiq ta' dmirijiethom u għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. B'żjieda ma' dan, dik l-informazzjoni għandha tiġi użata speċifikament għall-fini li dwarha dik l-informazzjoni tkun ġiet provduta lilhom, jew fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li jkollhom speċifikament x'jaqsmu ma' l-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet:

Iżda meta korp jew persuna li jkunu qegħdin jikkomunikaw informazzjoni lill-awtorità kompetenti jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan, dik l-informazzjoni tista' tiġi użata mill-awtorità kompetenti għal finijiet oħra.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli 17 u 17D ma għandhomx jipprekludu lill-awtorità kompetenti milli

tittrasmetti lill-Bank Ċentrali ta' Malta, lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fil-funzjoni tagħhom ta' awtoritajiet monetarji, u, meta jkun adatt, lil awtoritajiet pubbliċi oħra li jkunu responsabbli għall-monitoraġġ ta' sistemi ta' pagament u ta' ħlas in assaldu, informazzjoni kunfidenzjali intiża għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

MIXXELLANJI

Esklużjoni ta' responsabbiltà. *Emendat: XXV. 1995.432; XX. 2007.79.*

**27.** Awtorità kompetenti u kull membru, uffiċjal jew impjegat ta' l-awtorità kompetenti, u kull persuna oħra maħtura biex taqdi funzjoni taħt dan l-Att, jew taħt xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, ma jkunux responsabbli għal danni għal xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir fil-qadi jew f'dak li kien jidher li jkun il-qadi ta' xi funzjonijiet taħt dan l-Att, jew ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti kif intqal qabel, kemm-il darba l-għemil jew in-nuqqas ma jintweriex li jkun sar jew naqas milli jsir *in mala fede*.

Avviżi, eċċ. *Emendat: XX. 2007.80.*

**28.** Avviż jew dokument ieħor li għandu jingħata jew li għandu jkun notifikat taħt dan l-Att, jjew xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, għandu jitqies li jkun ingħata jew li jkun notifikat kif imiss lil persuna jekk -

(*a*) ikun konsenjat lilha; jew

(*b*) ikun tħalla fl-indirizz mogħti minnha lill-awtorità kompetenti, jew fl-indirizz l-aħħar magħruf tagħha; jew

(*ċ*) ikun intbagħtilha bil-posta jew bit-*telefax* f'xi wieħed mill-imsemmija indirizzi; jew

(*d*) fil-każ ta' korp ta' persuni, sew jekk morali jew le jew ta' skema jew ta' *trust*, jekk ikun ingħata jew ikun notifikat b'wieħed mill-mezzi msemmija qabel jew lil segretarju, skrivan, *manager*, *trustee* jew lil ekwivalenti tagħhom, jew lil xi membru tal-korp amministrattiv jew lil rappreżentant maħtur.

Applikazzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju.

**29.** (*Imħassar bl-Att XX. 2007.81.*).

Eżenzjonijiet mis-sigurtà soċjali u mid-dazju ta' l-importazzjoni għal detenturi ta' liċenza u impjegati mhux Maltin. Kap. 318.

**30.** (1) L-uffiċjali u l-impjegati mhux Maltin ta' detentur ta' liċenza u d-detentur ta' liċenza huma eżenti mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, dwar ħlas li jsir jew li jiġi attribwit lil dawk l-uffiċjali u l-impjegati mid-detentur ta' liċenza għal servizzi mogħtija b'mod esklussiv fil-kwalità ta' *manager* jew fit-twettiq ta' funzjoni li teħtieġ kompetenza speċjalizzata li mhux dejjem wieħed jista' jsibha f'Malta.

(2) Sabiex tinkiseb l-eżenzjoni msemmija fis-subartikolu (1), id-detentur ta' liċenza għandu japplika lid-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali filwaqt li jsemmi min ikunu l-uffiċjali u l-impjegati involuti flimkien ma' l-għoti ta' kull prova li d-dipartiment jista'

jeħtieġ li l-kundizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jkunu ġew sodisfatti.

(3) Il-ħwejjeġ u effetti persunali ta' uffiċjal jew impjegat mhux Malti ta' detentur ta' liċenza li jiġu minnu importati ġewwa Malta, mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jiġi joqgħod hawn għall-ewwel darba, ikunu eżenti mid-dazju ta' importazzjoni:

Iżda d-dazju għandu jitħallas fuq kull ħaġa li tkun ġiet impurtata mingħajr ħlas ta' ebda dazju u li tiġi wara mibjugħa, assenjata jew mod ieħor trasferita lil persuna li tkun residenti f'Malta.

(4) L-għamara, it-tagħmir u materjal ieħor meħtieġ minn detentur ta' liċenza u importat ġewwa Malta għall-użu u għal ħtieġa tad-detentur ikun eżenti mid-dazju ta' importazzjoni:

Iżda d-dazju għandu jitħallas fuq kull ħaġa li tiġi importata mingħajr ħlas ta' ebda dazju u li tiġi wara mibjugħa, assenjata jew mod ieħor trasferita lil persuna li tkun residenti f'Malta.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "mhux Malti" tfisser individwu li mhuwiex ċittadin ta' Malta, li jkun intbagħat Malta minn barra jew li jkun ġie ingaġġat direttament minn barra sabiex huwa jiġi mpjegat minn detentur ta' liċenza, li xogħolu f'Malta huwa wieħed ta' xorta temporanja u li jkun żamm il-qofol ta' l-interess ekonomiku tiegħu barra minn Malta.

Kontinwazzjoni ta' korp maqgħud barrani.
*Sostitwit: XVII. 2002.153.*

**31.** (1) Korp magħqud, format, inkorporat jew reġistrat f'pajjiż barra minn Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "korp magħqud barrani") u li jkun qed imexxi negozju ta' skema ta' investiment kollettiv, li jkun simili fix-xorta tiegħu bħala korp magħqud kif magħruf taħt il-liġijiet ta' Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "korp magħqud lokali") u li kien, kieku kien korp magħqud lokali bħal dak, jikkwalifika biex ikun awtorizzat jew rikonoxxut bħala skema ta' investiment kollettiv taħt dan l-Att, jista' bla ħsara għall-approvazzjoni jew awtorizzazzjoni speċifika ta' l-awtorità kompetenti, ikollu kontinwazzjoni bħala skema ta' investiment kollettiv taħt dan l-Att u taħt il-liġijiet applikabbli ta' Malta.

(2) Il-kontinwazzjoni ta' korp magħqud barrani ma għandhix isseħħ kemm-il darba dik il-kontinwazzjoni (jew proċess simili, magħduda konverżjoni) ma tkunx permessa mil-liġijiet applikabbli tal-ġurisdizzjoni barranija u tkun skond dawk id-dispożizzjonijiet tagħhom biex isseħħ dik il-kontinwazzjon (jew proċess simili).

(3) Kontinwazzjoni tista' sseħħ biss jekk tkun permessa bl-istatut jew bl-istrument tal-korp magħqud barrani biex hekk tkompli, u jekk tkun approvata skond il-proċedura, jekk ikun hemm, stabbilita fih jew fil-liġi applikabbli tal-ġurisdizzjoni barranija għal dan l-għan.

(4) Il-kontinwazzjoni ta' korp magħqud barrani bħala korp magħqud lokali għandha tingħata effett b'istrument ta' kontinwazzjoni li jkun fih, b'żieda mad-dikjarazzjonijiet dwar il-kontinwazzjoni, l-ekwivalenti ta' *memorandum* u statut jew dokument kostitwenti ekwivalenti kif jista' jkun meħtieġ b'dan l-

Att jew liġijiet oħra applikabbli ta' Malta għar-reġistrazzjoni ta' dak il-korp magħqud skond ix-xorta tal-korp magħqud lokali li fih ikun se jiġi kontinwat, u li juri mid-dehra tiegħu li l-kontinwazzjoni tkun ġiet approvata kif provvdut f'dan l-artikolu.

(5) Il-konsenja ta' l-istrument ta' kontinwazzjoni lir-Reġistratur tal-Kumpaniji għandha, għall-finijiet kollha tal-liġijiet ta' Malta, tkun ekwivalenti għall-konsenja ta' att ta' soċjeta' jew *memorandum* u statut ta' kumpanija, skond il-każ, daqslikieku kien korp magħqud li se jiġi reġistrat taħt dan l-Att, u r-Reġistratur għandu hekk jittrattah.

(6) Mal-konsenja ta' l-istrument ta' kontinwazzjoni u r-reġistrazzjoni tiegħu taħt dan l-Att il-korp magħqud għandu jieqaf milli jkun korp magħqud taħt il-ġurisdizzjoni tar-reġistrazzjoni preċedenti u jkompli l-eżistenza korporali tiegħu taħt il-liġijiet ta' Malta, u għandu jżomm l-assi, id-drittijiet u l-obbligi kollha tagħha.

(7) Meta l-imsemmija kontinwazzjoni tagħti d-dritt jew teħtieġ lil korp magħqud biex jifdi l-interess ta' persuni dissidenti li l-approvazzjoni tagħhom tkun meħtieġa, dak l-interess jista' jiġi mifdi b'dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu miftehma jew kif il-qrati f'Malta jistgħu, fuq talba ta' kull parti, jiddeċiedu.

(8) (*a*) Korp magħqud lokali li jkun qed imexxi negozju bħala skema ta' investiment kollettiv awtorizzat jew li xort'oħra jaqa' taħt it-tifsir ta' dan l-Att, jista', suġġett għall-approvazzjoni u awtorizzazzjoni speċifika ta' l-awtorità kompetenti, ikollu kontinwazzjoni bħala korp magħqud barrani, u d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

(*b*) Korp magħqud lokali ma jieqafx milli jkun korp magħqud lokali suġġett għall-ġuriżdizzjoni Maltija sakemm ir-Reġistratur ma jkunx irċieva avviż bil-miktub tal-kontinwazzjoni (jew proċess ieħor) magħmula kif intqal qabel u jekk u sakemm ma jkunx sodisfatt li l-ħtiġiet ta' dan l-artikolu jkunu tħassru, ir-Reġistratur ma jkunx irreġistra dik il-kontinwazzjoni u jkun, bħala konsegwenza ta' dan u bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru.

(9) Il-Ministru jista, fuq il-parir ta' l-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti għat twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

*Emendata:*
*A.L. 46 ta' l-1999;*
*XVII. 2002.154;*
*XIII. 2004.80.*
*Sostitwita:*
*XX. 2007.82.*

## L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 2)

Servizzi

1. Twassil u Trasmissjoni ta' Ordnijiet għar-rigward ta' xi strument wieħed jew aktar.

It-twassil minn persuna ta' ordni biex isir xiri, bejgħ jew sottoskrizzjoni għal strumenti u t-trasmissjoni ta' dik l-ordni lil terza parti għall-eżekuzzjoni tagħha.

2. Esekuzzjoni ta' Ordnijiet għan-nom ta' persuni oħra

Xogħol ta' għemil ta' pattijiet biex isir xiri, bejgħ jew sottoskrizzjoni għal strument wieħed jew aktar għan-nom ta' persuni oħra.

3. Negozjar għan-nom ta' persuna nnifisha.

Negozju kontra kapital li jikkonsisti fi proprjetà li jirriżulta fl-għemil ta' operazzjonijiet f'xi strument wieħed jew aktar.

4. Immaniġġar ta' Investimenti

Immaniġġar jew qbil li jsir immaniġġar ta' attiv li jappartjeni lil persuna oħra jekk dak l-attiv ikun jikkonsisti fi jew jinkludi xi strument wieħed jew aktar jew l-arranġamenti għall-immaniġġar tagħhom ikunu tali li l-persuna li tkun qegħda timmaniġġa jew taqbel li timmaniġġa dak l-attiv ikollha diskrezzjoni tinvesti parti minn dak l-attiv f'xi strument wieħed jew aktar.

Immaniġġar ta' Investimenti jista' wkoll jikkostitwixxi s-selezzjoni jew ftehim li ssir selezzjoni, fuq bażi ta' diskrezzjoni, strumenti li b'riferenza għalihom il-benefiċċji jkunu għalkollox jew f'parti minnhom jitħallsu taħt kuntratt ta' assigurazzjoni li jinkwadra fil-klassi III - *linked long term* tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni. Kap. 403.

5. Servizzi ta' *Trustee*, Kustodju jew Detentur *Nominee*

(*a*) Xogħol bħala *trustee*, kustodju jew detentur *nominee* ta' xi strument, jew ta' l-attiv rappreżentat minn jew xort'oħra konness ma' xi strument, meta l-persuna li tkun qegħda taġixxi bħala *trustee*, kustodju jew detentur *nominee* ikun qiegħed jagħmel dan bħala parti mill-għoti ta' servizz ta' investiment li jkun qiegħed jagħmel kif hemm fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 jew 6 ta' din l-Iskeda:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu kull persuna li tkun awtorizzata jew xort'oħra eżentata mill-awtorizzazzjoni skond l-artikolu 43 jew 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u *Trustees*, ma tkunx teħtieġ, għax tkun qegħda żżomm dak l-attiv, li jkollha liċenza skond dan is-subparagrafu jekk dik il-persuna ma tkunx tipprovdi servizz ta' investiment u tiddelega l-attivitajiet kollha li huma servizzi ta' investiment skond dan l-Att lil persuna li jkollha liċenza li tipprovdi dawk is-servizzi; jew

Kap. 331.

(*b*) Tiżmim ta' strument jew l-attiv rappreżentat minn jew xort'oħra konness ma' strument bħala *nominee*, meta il-persuna li taġixxi ta' *nominee* tkun qegħda tagħmel dan għan-nom ta' persuna oħra li tagħti servizz ta' investiment stipulat f'din l-Iskeda, jew f'isem klijent ta' dik il-persuna, u dak ix-xogħol bħala *nominee* isir għar-rigward ta' dak is-servizz ta' investiment:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu kull persuna li tkun awtorizzata jew xort'oħra eżentata minn awtorizzazzjoni skond lartikolu 43 jew 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u *Trustees* ma tkunx teħtieġ, għax tkun qegħda żżomm dak l-attiv, li jkollha liċenza skond dan l-Att. Kap. 331.

(*ċ*) Xogħol bħala *trustee* jew kustodju għar-rigward ta' skema ta' investiment kollettiv.

6. Pariri fuq l-Investiment

Li jingħata, jiġi offert jew isir qbil li jingħata, lil persuni fil-kwalità tagħhom ta' investituri jew investituri potenzjali jew ta' aġent ta' investitur jew investitur potenzjali, rakkomandazzjoni personali għar-rigward ta' xi operazzjoni waħda jew aktar li jkollhom x'jaqsmu ma' xi strument wieħed jew aktar.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "rakkomandazzjoni personali" tfisser rakkomandazzjoni ppreżentata bħala waħda idonea għall-persuna lil min din tkun indirizzata, jew li tkun bażata fuq konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi ta' dik il-persuna, u għandha tkun tikkostitwixxi rakkomandazzjoni li jittieħed xi wieħed minn dawn l-istadji li ġejjin:

(*a*) li jinxtara, jinbiegħ, jiġi sottoskritt, kambjat, mifdi, miżmum jew isir *underwriting* ta' strument partikolari;

(*b*) li jiġi eżerċitat jew ma jiġix eżerċitat xi dritt mogħti b'xi strument partikolari għax-xiri, bejgħ, sottoskrizzjoni, kambju jew fidi ta' strument;

(*ċ*) li jintgħażel xi strument wieħed jew aktar li b'riferenza għalih jitħallsu għal kollox jew biss f'parti benefiċċji mħallsa taħt kuntratt ta' assigurazzjoni li jinkwadra fil-kuntest tat-tifsir ta' klassi III - '*linked long term* ', fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni. Kap. 403.

Rakkomandazzjoni ma titqiesx bħala rakkomandazzjoni personali jekk din tkun esklużivament maħruġa permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni jew għall-pubbliku.

7. *Underwriting* ta' strumenti u, jew tqegħid ta' strumenti fuq bażi soda ta' impenn

Kull *underwriting* jew tqegħid ta' strumenti hekk li l-persuna li tkun qegħda tipprovdi s-servizz tassumi r-riskju li jitqiegħed ħruġ ġdid ta' titoli fis-suq bix-xiri ta' dak il-ħruġ mill-emittent biex hekk jiġi garantit il-bejgħ ta' ċertu għadd ta' ishma għall-investituri.

8. Tqegħid ta' Strumenti mingħajr bażi soda ta' impenn.

It-tqegħid fis-suq ta' titoli li jkunu għadhom kemm ġew maħruġa jew ta' titoli li jkunu diġà nħarġu iżda li ma jkunux ġew elenkati, lil persuni speċifikati u li ma jkunx jinvolvi offerta lill-pubbliku jew lil detenturi eżistenti tat-titoli ta' l-emittent - mingħajr ma jassumu r-riskju li jiggarantixxu l-bejgħ ta' ċertu għadd ta' ishma bix-xiri tat-titoli relattivi mingħand l-emittent.

9. Operazzjoni ta' Faċilità ta' Negozju Multilaterali.

L-operazzjoni ta' sistema multilaterali li tlaqqa' flimkien xiri minn terzi multipli u interess ta' bejgħ ta' strumenti - fis-sistema u skond ħtiġiet mhux diskrezzjonarji - hekk li jirriżulta f'kuntratt.

---

*Emendata: A.L. 191 ta' l-1998; XVII. 2002.155; A.L. 318 ta' l-2006. Sostitwita: XX. 2007.83.*

## IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 2)

Strumenti

1. Titoli trasferibbli

Dawk il-klassijiet ta' titoli li huma negozjabbli fuq is-suq kapitali u jinkludu:

(*a*) ishma f'kumpanniji u f'titoli oħra ekwivalenti għal ishma f'kumpanniji, soċjetajiet jew entitajiet oħra, u riċevuti depożitarji fir-rigward ta' ishma;

(*b*) *bonds* jew għamliet oħra ta' debitu f'titoli, inklużi riċevuti depożitarji fir-rigward ta' dawk it-titoli;

(*ċ*) kull titolu ieħor li jagħti d-dritt kull tali titoli trasferibbli ikun jista' jiġi akkwistat jew mibjugħ jew li jagħti lok għal tisrif fi flus likwidi stabbilit b'riferenza għal titoli trasferibbli, muniti, rati ta' interess jew dividendi, kommoditajiet jew indiċijiet jew miżuri oħra.

2. Strumenti fis-Suq tal-Flus.

Dawk il-klassijiet ta' strumenti li jkunu normalment ittrattati fis-suq tal-flus, bħalma huma *bills* tat-teżor, ċertifikati ta' depositu u dokumenti kummerċjali bl-esklużjoni ta' strumenti ta' pagament.

3. *Units* fi skemi ta' investiment kollettiv.

4. Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, pattijiet dwar rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' titoli, muniti, rati ta' interess jew dividendi, jew strumenti derivattivi oħra, indiċijiet finanzjarji jew miżuri finanzjarji li jistgħu jiġu risoluti fiżikament jew bi flus likwidi.

5. Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, pattijiet dwar rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' kommoditajiet li għandhom ikunu riżoluti bi flus likwidi jew li jistgħu jkunu riżoluti bi flus likwidi b'għażla ta' xi waħda mill-partijiet (xort'oħra milli minħabba f'xi skadenza jew ġrajja oħra li tagħti seħħ lil terminazzjoni).

6. Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' kommoditajiet, li jistgħu jkunu fiżikament riżoluti iżda li jiġu negozjati f'suq regolat, fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u, jew Faċilità ta' Negozju Multilaterali fil-kuntest tat-tifsir fi Skeda 1. Kap. 345.

7. Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' kommoditajiet, li jistgħu jkunu riżoluti fiżikament, li ma jkollhomx għanijiet kummerċjali, li ma jkunux inklużi fl-artikolu 6 ta' din l-Iskeda, u, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti derivattivi oħra, fil-kuntest ta' jekk, fost l-oħrajn, dawn ikunux għaddew mill-*clearing* u ġew riżoluti permezz ta' *clearing houses* rikonoxxuti jew ikunux soġġetti għal *margin calls* regolari.

8. Strumenti derivattivi għat-trasferiment ta' riskju fil-kreditu.

9. Drittijiet li jinkwadraw taħt kuntratt għad-differenzi jew taħt kull kuntratt ieħor li jkollu l-għan jew għan intiż li jaċċerta profitt jew li jevita telf b'riferenza għal fluttwazzjonijiet fil-valur jew fil-prezz ta' proprjetà tkun kif tkun din imsejħa jew f'indiċi jew xi fattur ieħor indikat għal dak l-għan fil-kuntratt.

10. Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, pattijiet dwar rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' varjabbiltajiet klimatiċi, rati għat-trasport, *allowances* dwar emissjonijiet jew rati ta' inflazzjoni jew statistiċi uffiċjali ekonomiċi oħra li għandhom ikunu riżolti bi flus likwidi jew li jistgħu jkunu riżolti bi flus likwidi bl-opzjoni ta' xi waħda mill-partijiet (xort'oħra milli minħabba f'xi skadenza jew ġrajja oħra li tagħti seħħ lil terminazzjoni), kif ukoll kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' l-attiv, drittijiet, obbligi, indiċijiet u miżuri li m'humiex xort'oħra msemmija f'din l-Iskeda, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti derivattivi oħra, meta jiġi kkunsidrat jekk, fost l-oħrajn, dawn jiġux negozjati f'suq regolat fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji jew Faċilità ta' Kap. 345. Negozju Multilaterali fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Ewwel Skeda, ikunux għaddew mill-*clearing* u ġew riżoluti permezz ta' *clearing houses* rikonoxxuti jew ikunux soġġetti għal *margin calls* regolari.

11. Ċertifikati jew strumenti oħra li jikkonferixxu drittijiet fuq proprjetà għar-rigward ta' xi strument li jinkwadra f'din l-Iskeda.

12. Valuta estera li tinkiseb jew tinżamm għal finijiet ta' investiment.

---